IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1a** |
| DATA: | 11 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:
- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**Wied il-Qlejgħa**

Għal xi mixja ta' mistrieħ qalb in-natura, fejn taħrab għal ftit minuti jew sigħat mill-ġenn tal-ħajja mgħaġġla, Wied il-Qlejgħa huwa l-post ideali. Dan jinsab fl-inħawi bejn ir-Rabat u l-Imtarfa. Bl-Ingliż hu magħruf bħala Chadwick Lakes, minn isem inġinier Ingliż li fl-1890 ħadem qatigħ fl-immaniġġjar tal-ilma f'dawn l-akkwati. Il-post, l-iktar fil-ħarifa u fix-xitwa, jilqa' bosta Maltin u turisti speċjalment lil dawk interessati fil-flora u l-fawna Maltija; għal dawn, il-post huwa uniku. Fis-sħana u n-nixfa tas-sajf Malti, is-sbuħija tiegħu tista' tonqos kemxejn.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**In-nutrizzjonisti jsostnu dwar il-ħtieġa li d-dieta tagħna tkun ibbilanċjata minn ikel tajjeb għas-saħħa f'porzjonijiet moderati u frekwenti. B'hekk inkunu nistgħu nieħdu l-vitamini, il-proteini u l-karboidrati meħtieġa biex ġisimna jaħdem kif suppost u nevitaw il-mard. Jisħqu dwar dieta bbażata fuq ħaxix u frott, għax dawn jgħinu lill-ġisem jieħu l-vitamini u s-sustanzi minerali li għandu bżonn. Barra minn hekk, m'għandhomx ix-xaħam il-ħażin li jikkawża ħsara kbira lis-saħħa tal-bniedem. Laħam aħmar nistgħu nieklu sa mhux aktar minn darba fil-ġimgħa. Madankollu aħjar nieħdu laħam abjad bħal tiġieġ u fniek. Il-ħut ukoll importanti u għandna niħduh regolarment filwaqt li nixorbu ħafna ilma u nagħmlu xi tip ta' eżerċizzju.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. In-nutrizzjonisti jedukaw dwar dieta tajba billi jgħidulek**

**(a) kif iġġib ruħek meta tiekol u tixrob**
**(b) <u>x'għandek tiekol u tixrob u kif tqassam l-ikel</u>**
**(ċ) ma' min għandek tiekol u tixrob**

**2. In-nutrizzjonisti jissuġġerixxu li**

**(a) tiekol porzjonijiet kbar ta' ikel u spiss**
**(b) tiekol porzjonijiet żgħar ta' ikel u spiss**
**(ċ) <u>tiekol porzjonijiet moderati ta' ikel u spiss</u>**

**3. Dieta għandha tkun ibbażata fuq ikel li joffri**

**(a) vitamini biss**
**(b) <u>vitamini, proteini u karboidrati</u>**
**(ċ) karboidrati biss**

**4. Dieta bbilanċjata għandha tkun ibbażata fuq**

**(a) ħxejjex u frott biss**
**(b) laħam aħmar kuljum**
**(ċ) <u>ħxejjex, frott, laħam abjad u ħut</u>**

**5. F'dieta bbilanċjata importanti wkoll li**

**(a) ma nixorbux ħafna ilma**
**(b) <u>nixorbu ħafna ilma u nagħmlu xi eżerċizzji</u>**
**(ċ) ma tantx nitħabtu**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-ivvjaġġar ***jew*** L-ambjent naturali.

**L-ivvjaġġar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ivvjaġġar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Int tħobb tivvjaġġa? Jekk iva, tħobb tivvjaġġa f'pajjiżi fl-Ewropa jew f'dawk li mhumiex Ewropej? Jekk ma tħobbx tivvjaġġa, għaliex?**
2. **Ġieli kellek l-opportunità li tivvjaġġa barra mill-Gżejjer Maltin? Jekk iva, fejn mort u kif kienet l-esperjenza?**
3. **Kieku kellek tivvjaġġa din is-sena, biex tippreferi tivvjaġġa: bl-ajruplan jew bil-vapur? Għaliex?**
4. **Kieku jkollok tivvjaġġa kull sena, liema huwa dak l-istaġun li matulu tippreferi tivvjaġġa? Għaliex?**
5. **Taħseb li llum il-ġurnata l-Maltin u l-Għawdxin qed inaqqsu milli jivvjaġġaw? Jew xorta baqgħu jivvjaġġaw qisu mhu qiegħed iseħħ xejn?**

JEW

**L-ambjent naturali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ambjent naturali.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'jiġik f'moħħok hekk kif tisma' "ambjent naturali"?**
2. **L-ambjent naturali Malti fix-xitwa jkun ferm differenti mill-ambjent naturali Malti fis-sajf. Skont int, x'inhuma dawn id-differenzi?**
3. **Liema l-aktar li tippreferi, l-ambjent naturali fis-sajf Malti jew fix-xitwa Maltija? Għaliex?**
4. **Taħseb li l-bniedem kapaċi jħalli effett/i fuq l-ambjent naturali? Jekk iva, x'effett/i? Jekk le, għaliex taħseb hekk?**
5. **L-ambjent naturali huwa ta' kulħadd, għalhekk irridu nipproteġuh biex igawduh ta' warajna. X'nistgħu nagħmlu biex nipproteġuh? Taħseb li l-Maltin u l-Għawdxin għandhom edukazzjoni biżżejjed biex iħarsu l-ambjent naturali lokali?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-bilingwiżmu ***jew*** Ġużè Aquilina.

**Il-bilingwiżmu**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-bilingwiżmu*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Il-kostituzzjoni ta' Malta tiddikjara li filwaqt li l-Malti huwa l-ilsien nazzjonali, il-Malti u l-Ingliż huma ż-żewġ ilsna uffiċjali tal-Gżejjer Maltin u għaldaqstant jagħmluhom Gżejjer bilingwi. X'inhuma l-vantaġġi tal-bilingwiżmu?**
2. **Semmi xi żvantaġġi tal-bilingwiżmu.**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Aquilina**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ġużè Aquilina.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1911-1997)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Aquilina għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1a** |
| DATA: | 11 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Wied il-Qlejgħa**

Għal xi mixja ta' mistrieħ qalb in-natura, fejn taħrab għal ftit minuti jew sigħat mill-ġenn tal-ħajja mgħaġġla, Wied il-Qlejgħa huwa l-post ideali. Dan jinsab fl-inħawi bejn ir-Rabat u l-Imtarfa. Bl-Ingliż hu magħruf bħala Chadwick Lakes, minn isem inġinier Ingliż li fl-1890 ħadem qatigħ fl-immaniġġjar tal-ilma f'dawn l-akkwati. Il-post, l-iktar fil-ħarifa u fix-xitwa, jilqa' bosta Maltin u turisti speċjalment lil dawk interessati fil-flora u l-fawna Maltija; għal dawn, il-post huwa uniku. Fis-sħana u n-nixfa tas-sajf Malti, is-sbuħija tiegħu tista' tonqos kemxejn.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ivvjaġġar *jew* L-ambjent naturali**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-bilingwiżmu *jew* Ġużè Aquilina**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1b** |
| DATA: | 11 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**<u>Wied l-Għasri</u>**

Wied l-Għasri jinsab f'Għawdex bejn l-Għasri u ż-Żebbuġ. Dan il-wied huwa mogħni bil-ġmiel tan-natura, bħal kull wied ieħor li jinsab fil-Gżejjer Maltin. Huwa wied twil u kemxejn dejjaq. Jagħti merħba lil kull min iżuru, l-aktar lil dawk li għandhom għal qalbhom l-irdumijiet u d-dinja ta' qiegħ il-baħar. Fil-fatt, fost dawk li jżuruh insibu għaddasa li ma jonqsux milli jesploraw l-għerien li hemm taħt il-baħar fl-inħawi tiegħu. Il-wied iwassal għal bajja ċkejkna biċ-ċagħaq imħarsa mill-irdumijiet, li għalkemm ċkejkna, tilqa' fiha numru ta' nies.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Huwa żball li naħsbu li l-iskart huwa problema ta' pajjiżna biss. Madankollu, ma nistgħux ma nagħtux kasu u nagħmlu tabirruħna li din il-problema ma teżistix f'pajjiżna. Dan għaliex din il-problema, għalkemm mhux kulħadd hu konxju tagħha, kibret sew fil-Gżejjer Maltin, tant li jinġabar 'il fuq minn 9,600 tunnellata ta' skart fis-sena. Dan jikkonsisti wkoll minn skart goff mid-djar u skart relatat mal-kostruzzjoni. Fil-fatt għadna nsibu nies li jarmu l-iskart bl-addoċċ, b'dannu għall-pajsaġġ Malti, minkejja li qiegħda tingħata edukazzjoni lill-poplu Malti li tibda sa mit-tfal fl-iskejjel dwar saħansitra kif tissepara l-iskart u l-ġbir tiegħu. Dan bil-għan li nżommu l-ambjent Malti nadif u l-iskart jiġi riċiklat.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F’każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta’ wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem fuq**

**(a) l-ambjent**
**(b) <u>l-iskart</u>**
**(ċ) il-pajsaġġ**

**2. L-iskart sar problema kbira**

**(a) fl-edukazzjoni**
**(b) fil-kostruzzjoni**
**(ċ) <u>fil-Gżejjer Maltin</u>**

**3. Kull sena jinġabar**

**(a) 9,600 tunnellata ta’ skart**
**(b) <u>’il fuq minn 9,600 tunnellata ta’ skart</u>**
**(ċ) inqas minn 9,600 tunnellata ta’ skart**

**4. L-edukazzjoni dwar kif tissepara l-iskart u meta jinġabar qiegħda titwassal**

**(a) lit-tfal biss**
**(b) <u>lit-tfal u lill-adulti</u>**
**(ċ) lill-adulti biss**

**5. Skont is-silta l-iskart jikkonsisti wkoll**

**(a) <u>fi skart domestiku goff u dak marbut mal-bini</u>**
**(b) fi skart kimiku**
**(ċ) fi skart relatat ma’ żjut**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-ambjent tad-dar ***jew*** Il-kura tas-saħħa.

**L-ambjent tad-dar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ambjent tad-dar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Id-dar li fiha tgħix hija għal qalbek? Jekk iva, għaliex? Jekk le, għaliex?**
2. **Togħġbok l-idea li tkun tgħix f'ambjent ta' dar antika? Għaliex? Jekk le, mela x'tip ta' ambjent ta' dar jogħġbok?**
3. **Agħtini deskrizzjoni ħafifa tal-ambjent tad-dar li int tgħix fih jew li tippreferi li tgħix fih.**
4. **Taħseb li l-ambjent tad-dar jista' jaffettwa lin-nies li jkunu jgħixu f'dik id-dar? Jekk iva, għaliex? Jekk le, għaliex?**
5. **Skontok, illum il-ġurnata l-Maltin qegħdin jixtru aktar djar kbar minflok appartamenti? Xi jwasslek taħseb hekk?**

JEW

**Il-kura tas-saħħa**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-kura tas-saħħa*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li bħala poplu aħna l-Maltin nieħdu kura ta' saħħitna? Jekk iva, kif taħseb li nagħmlu dan? Jekk le, għaliex taħseb hekk?**
2. **Kif taħseb li nistgħu nieħdu ħsieb saħħitna?**
3. **Taħseb li llum il-ġurnata fil-Gżejjer Maltin teżisti informazzjoni u edukazzjoni biżżejjed ta' kif persuna tieħu kura ta' saħħitha? Xi jwasslek taħseb hekk?**
4. **Int kif tieħu kura tas-saħħa tiegħek? Tagħmel hekk għax jgħidulek jew għax tħoss il-bżonn li tagħmel hekk?**
5. **Taħseb li bħala poplu aħna l-Maltin nagħrfu l-ħtieġa ta' kemm hu bżonjuż l-eżerċizzju fiżiku ta' kuljum? Jekk iva, xi jwasslek taħseb hekk? Jekk le, x'jista' jsir biex tidħol aktar il-kultura tal-eżerċizzju fiżiku fil-ħajja tagħna?**

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-Malti Safi ***jew*** Ninu Cremona.

**Il-Malti Safi**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-Malti Safi*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Meta nitkellmu bil-Malti nagħmlu użu minn vokabularju li l-oriġini tiegħu hija mill-Għarbi, Taljan/Sqalli u Ingliż. Allura meta nafu dan, taħseb li jista' qatt xi darba ngħidu li l-Malti hu safi? Għaliex?**
2. **Fil-fehma tiegħek x'inhu Malti Safi? Kif nistgħu lil ilsienna nsaffuh u minn xiex?**

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ninu Cremona**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ninu Cremona.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1880-1972)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(il-grammatika)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ninu Cremona għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1b** |
| DATA: | 11 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Wied l-Għasri**

Wied l-Għasri jinsab f'Għawdex bejn l-Għasri u ż-Żebbuġ. Dan il-wied huwa mogħni bil-ġmiel tan-natura, bħal kull wied ieħor li jinsab fil-Gżejjer Maltin. Huwa wied twil u kemxejn dejjaq. Jagħti merħba lil kull min iżuru, l-aktar lil dawk li għandhom għal qalbhom l-irdumijiet u d-dinja ta' qiegħ il-baħar. Fil-fatt, fost dawk li jżuruh insibu għaddasa li ma jonqsux milli jesploraw l-għerien li hemm taħt il-baħar fl-inħawi tiegħu. Il-wied iwassal għal bajja ċkejkna biċ-ċagħaq imħarsa mill-irdumijiet, li għalkemm ċkejkna, tilqa' fiha numru ta' nies.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent tad-dar** ***jew*** **Il-kura tas-saħħa**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-Malti Safi** ***jew*** **Ninu Cremona**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1ċ** |
| DATA: | 11 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**Il-Belt Valletta**

Il-Belt Valletta, il-belt kapitali tal-Gżejjer Maltin, hija attrazzjoni f'għajnejn il-Maltin u l-barranin, filwaqt li tesponi b'mod ċar l-arti Barokka. Hija belt li taf l-oriġini tagħha fiż-żmien tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, meta wara l-Imdina, saret tħaddan it-titlu ta' belt kapitali wara l-Assedju l-Kbir tal-1565. Maż-żmien saret ċentru importanti għall-poplu Malti għax tilqa' fiha entitajiet ta' finanzi u amministrazzjoni ċivili kif ukoll għadd ta' ħwienet, restoranti, kafetteriji u postijiet ta' divertiment. Ma jonqsux id-diversi mużewijiet li huma attrazzjoni fihom infushom għat-turist.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Il-filosfu huwa meqjus bħala bniedem kurjuż. L-għan tiegħu mhux li jerfa' s-salib ta' ħaddieħor imma li jkun inkwiżittiv għaliex huwa bniedem inkwetat bl-affarijiet misterjużi u moħbija. Għalhekk jinteressa ruħu u jintilef fil-mistoqsijiet filwaqt li jħuf u jgħarrex. Jinħakem minn tensjoni u ansjetà sabiex jiskopri għaliex l-affarijiet jidhru jew huma mod u mhux ieħor. Dan jagħmlu f'diversi kuntesti tal-ħajja tal-bniedem, kemm f'kuntest ta' twemmin u kemm f'kuntest soċjokulturali. Jipprova jinżel sal-qiegħ tal-affarijiet li minnu mhux mifhuma sakemm joqrob, għalkemm forsi mhux dejjem jasal mill-ewwel, għal għarfien sħiħ u jikxfu b'mod korrett u oġġettiv. Aktar ma jiskopri, aktar jinduna kemm hemm x'tiskopri biex forsi jasal fil-qofol tal-għarfien.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

1. **Din is-silta li smajt titkellem dwar**

   **(a) il-filosofija**
   **(b) <u>il-filosfu</u>**
   **(ċ) il-filantropiku**

2. **Skont is-silta l-filosfu huwa inkwiżittiv. Għaliex?**

   **(a) <u>Għax inkwetat bl-affarijiet misterjużi u moħbija</u>**
   **(b) Għax ideffes imnieħru fil-ħajja personali tal-individwi**
   **(ċ) Għax jilħaq salib ħaddieħor**

3. **Minn dak li smajt, liema waħda minn dawn mhux tajba?**

   **(a) <u>Il-filosfu jistaqsi filwaqt li jiffantasizza</u>**
   **(b) Il-filosfu jistaqsi u jħuf**
   **(ċ) Il-filosfu jistaqsi u jgħarrex**

4. **Minn dak li smajt il-filosfu jinħakem minn tensjoni u ansjetà sabiex jiskopri għaliex l-affarijiet jidhru mod u mhux ieħor f'diversi kuntesti tal-ħajja tal-bniedem. Liema huma ż-żewġ kuntesti li ssemmew fis-silta?**

   **(a) <u>Il-kuntest ta' twemmin u dak soċjokulturali</u>**
   **(b) Il-kuntest tal-imħabba u dak soċjopolitiku**
   **(ċ) Il-kuntest tal-edukazzjoni u dak soċjoekonomiku**

5. **Skont is-silta l-filosfu jikxef dak li jkun skopra b'mod**

   **(a) <u>korrett u oġġettiv</u>**
   **(b) skorrett u suġġettiv**
   **(ċ) korrett u suġġettiv**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* Iż-żgħożija ***jew*** L-edukazzjoni.

**Iż-żgħożija**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Iż-żgħożija.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Bosta jgħidu li ż-żgħożija hija l-isbaħ fażi f'ħajjitna. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
2. **X'diffikultajiet taħseb li żagħżugħ/żagħżugħa jesperjenzaw fil-fażi taż-żgħożija?**
3. **Fil-fażi taż-żgħożija, iż-żgħażagħ jgħaddu minn battibekki, argumenti u nuqqas ta' ftehim mal-ġenituri jew adulti oħra li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebhom. Taqbel ma' dan? Għaliex? X'taħseb li jwassal għal dan?**
4. **Jgħidu li dak li tiżra' taħsad. Taħseb li dan japplika għall-fażi taż-żgħożija u għall-futur? Jekk iva, xi jwasslek taħseb hekk? Jekk le, għaliex?**
5. **X'taħseb li huma r-responsabbiltajiet li żagħżugħ/żagħżugħa għandhom jerfgħu fi ħdan is-soċjetà li jgħixu fiha?**

JEW

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-edukazzjoni.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'tifhem b'edukazzjoni? Taħseb li l-edukazzjoni għandha tkun relatata biss mal-akkwist ta' bosta ċertifikati ta' suġġetti akkademiċi? Għaliex?**
2. **X'taħseb li huma dawk l-aspetti ewlenin li jiffurmaw bniedem edukat?**
3. **X'sehem għandhom il-ġenituri jew adulti oħra li jieħdu ħsieb tfal żgħar fl-iżvilupp sħiħ tal-edukazzjoni tat-tifel/tifla?**
4. **Taqbel li l-edukazzjoni tgħin fl-iżvilupp sħiħ tal-karattru ta' persuna? Għaliex?**
5. **Kieku jkollok sehem fit-tfassil tal-edukazzjoni f'pajjiżna, xi tneħħi, xi tħalli u xi żżid?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* It-tagħlim tal-lingwi barranin ***jew*** Pietru Pawl Saydon.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *It-tagħlim tal-lingwi barranin*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Skont int x'inhuma dawk l-aspetti pożittivi li persuna takkwista meta titgħallem diversi lingwi barranin?**
2. **Hemm il-bżonn jew m'hemmx il-bżonn li pajjiżna jsaħħaħ l-idea tat-tagħlim tal-lingwi barranin? Għaliex taħseb hekk?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Pietru Pawl Saydon**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Pietru Pawl Saydon.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

- **a. F'liema żmien għex?** *(seklu 19, seklu 20 jew 1895-1971)*
- **b. Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(it-traduzzjoni tal-Bibbja)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. X'sehem ta Pietru Pawl Saydon biex jara li l-ilsien Malti jkun parti mill-kultura u l-identità tal-Gżejjer Maltin?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1ċ** |
| DATA: | 11 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

### Il-Belt Valletta

Il-Belt Valletta, il-belt kapitali tal-Gżejjer Maltin, hija attrazzjoni f'għajnejn il-Maltin u l-barranin, filwaqt li tesponi b'mod ċar l-arti Barokka. Hija belt li taf l-oriġini tagħha fiż-żmien tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, meta wara l-Imdina, saret tħaddan it-titlu ta' belt kapitali wara l-Assedju l-Kbir tal-1565. Maż-żmien saret ċentru importanti għall-poplu Malti għax tilqa' fiha entitajiet ta' finanzi u amministrazzjoni ċivili kif ukoll għadd ta' ħwienet, restoranti, kafetteriji u postijiet ta' divertiment. Ma jonqsux id-diversi mużewijiet li huma attrazzjoni fihom infushom għat-turist.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Iż-żgħożija *jew* L-edukazzjoni**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**It-tagħlim tal-lingwi barranin *jew* Pietru Pawl Saydon**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2016**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2a** |
| DATA: | 12 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**Ir-Rabat ta' Għawdex**

Ir-Rabat huwa l-belt kapitali tal-gżira Għawdxija u huwa magħruf ukoll bħala Victoria, isem li ngħata fl-1887 biex jonora l-ġublew tar-reġina Victoria tal-Ingilterra. Insibu postijiet storiċi u kulturali, iżda żgur li xejn ma jgħaddi liċ-Ċittadella, il-belt antika ffortifikata fi żmien il-bronż u żviluppata fi żmien il-Feniċi u r-Rumani. Hija magħrufa bħala l-kastell. Fil-pjazza ewlenija, magħrufa bħala Pjazza Indipendenza jew it-Tokk, l-attività kummerċjali ma tonqosx. U fi triq ewlenija, imsemmija Triq ir-Repubblika, insibu bosta ħwienet ta' kull xorta u t-teatri Astra u Awrora.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Fil-Gżejjer Maltin, speċjalment fix-xhur tas-sajf, niltaqgħu mal-problema ta' skarsezza tal-ilma. L-ilma huwa riżorsa kruċjali għall-ħajja. Madankollu, is-sħana mhijiex l-unika kawża li twassal għal dan. Sfortunatament insibu lil min juża l-ilma mingħajr għaqal u b'mod irresponsabbli. Dan iwassal għal ħela kbira. Kemm-il darba nħallu l-vit tal-ilma miftuħ sakemm naħslu snienna jew idejna? Kemm-il darba tara nies jaħslu l-karozza u minflok jaħsluha bl-ilma fil-bramel jużaw il-pajp tal-ilma? Barra minn hekk, ma nistgħux niċħdu l-fatt li l-iżvilupp u l-progress tal-ħajja, kif ukoll il-bidla fil-klima, b'nuqqas kbir ta' xita, komplew żiedu l-problema. Dan minbarra l-fatt li meta tagħmel ix-xita, ħafna mill-ilma tax-xita ma jinġabarx.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Fil-qofol tagħha s-silta titkellem dwar**

**(a) l-iskarsezza tax-xita**
**(b) <u>l-iskarsezza tal-ilma</u>**
**(ċ) l-iskarsezza tas-sħana**

**2. F'liema staġun l-aktar li tinħass din il-problema?**

**(a) Fix-xitwa**
**(b) <u>Fis-sajf</u>**
**(ċ) Fil-ħarifa**

**3. Il-ħela tal-ilma mill-bniedem hija riżultat**

**(a) ta' aġir responsabbli**
**(b) <u>ta' aġir irresponsabbli</u>**
**(ċ) ta' aġir għaqli**

**4. L-iskarsezza tal-ilma hija wkoll riżultat ta'**

**(a) <u>l-iżvilupp u l-progress tal-ħajja kif ukoll il-bidla fil-klima</u>**
**(b) l-iżvilupp u r-rigress tal-ħajja kif ukoll il-bidla fil-klima**
**(ċ) l-iżvilupp u l-progress tal-ħajja kif ukoll l-avvanz pożittiv fil-klima**

**5. Skont is-silta ħafna mill-ilma tax-xita**

**(a) qed niġbruh u naħżnuh**
**(b) <u>qed jinħela u ma jinġabarx</u>**
**(ċ) qed insaqqu l-għelieqi bih**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* Il-ġrajjiet kurrenti ***jew*** Id-divertiment.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-ġrajjiet kurrenti.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li huwa importanti li persuna tkun midħla u konxja tal-ġrajjiet kurrenti li qegħdin iseħħu kemm f'pajjiżha u kemm fix-xena dinjija? Għaliex?**
2. **Il-mezzi ta' komunikazzjoni jgħinu ħafna biex l-individwu jkun mgħarraf bil-ġrajjiet kurrenti. Madankollu hemm min jisħaq li mhux kollha jagħtu l-informazzjoni ċara u korretta ta' dak li jkun qiegħed jiġri. Int taqbel ma' dan? Għaliex?**
3. **Int liema mezz ta' komunikazzjoni l-aktar li tinqeda bih biex taġġorna ruħek dwar il-ġrajjiet kurrenti? Għaliex?**
4. **Taf tgħidli dwar xi ġrajjiet kurrenti dinjija li meta sirt taf dwarhom ħassejtek ferħan/a jew b'qalbek sewda għal dak li ġara? Għaliex ħassejtek kif ħassejtek?**
5. **Taf tgħidli dwar xi ġrajjiet kurrenti lokali li meta sirt taf dwarhom ħassejtek ferħan/a jew b'qalbek sewda għal dak li ġara? Għaliex ħassejtek kif ħassejtek?**

JEW

**Id-divertiment**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Id-divertiment.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li persuna fil-ħajja mgħaġġla tal-lum għandha ċans tiddeverti? Għaliex?**
2. **Id-divertiment b'mod responsabbli huwa bżonn fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?**
3. **Id-divertiment tiegħek fil-ħajja ta' student/a minn xiex jikkonsisti l-aktar?**
4. **Taħseb li d-divertiment ivarja skont l-età li jkollok? Xi jwasslek biex taħseb hekk?**
5. **Taħseb li pajjiżna joffri postijiet biżżejjed għad-divertiment taż-żgħażagħ? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, allura x'tipproponi li għandu jsir?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-bilingwiżmu ***jew*** Dun Karm Psaila.

**Il-bilingwiżmu**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-bilingwiżmu*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'taħseb li huma l-effetti tal-bilingwiżmu fuq l-iżvilupp edukattiv tal-persuna bilingwi?**
2. **Taħseb li pajjiżna jista' jibbenefika ekonomikament għax huwa pajjiż bilingwi, meta nqisu li t-tieni lingwa tagħna, l-Ingliż, hija lingwa internazzjonali? Jekk taħseb li iva, kif u minn xiex jista' jibbenefika pajjiżna? Jekk taħseb li le, għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Dun Karm Psaila**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Dun Karm Psaila.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1871-1961)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(Il-kitba tal-Innu Malti, poeżiji, dizzjunarju)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
2. **Kif taħseb li Dun Karm Psaila għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2a** |
| DATA: | 12 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Ir-Rabat ta' Għawdex**

Ir-Rabat huwa l-belt kapitali tal-gżira Għawdxija u huwa magħruf ukoll bħala Victoria, isem li ngħata fl-1887 biex jonora l-ġublew tar-reġina Victoria tal-Ingilterra. Insibu postijiet storiċi u kulturali, iżda żgur li xejn ma jgħaddi liċ-Ċittadella, il-belt antika ffortifikata fi żmien il-bronż u żviluppata fi żmien il-Feniċi u r-Rumani. Hija magħrufa bħala l-kastell. Fil-pjazza ewlenija, magħrufa bħala Pjazza Indipendenza jew it-Tokk, l-attività kummerċjali ma tonqosx. U fi triq ewlenija, imsemmija Triq ir-Repubblika, insibu bosta ħwienet ta' kull xorta u t-teatri Astra u Awrora.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-ġrajjiet kurrenti** ***jew*** **Id-divertiment**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-bilingwiżmu** ***jew*** **Dun Karm Psaila**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2016**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2b** |
| DATA: | 12 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**Ir-Restawr**

Ir-restawr huwa proċess delikat u jitlob dedikazzjoni u paċenzja, minbarra sigħat twal ta' xogħol. Ġeneralment jindirizza binjiet u oġġetti artistiċi li jkunu saru żmien twil ilu, u propju minħabba ż-żmien, tkun saritilhom ħsara konsiderevoli u jkollhom jinbidlu kompletament b'materjal ġdid. Dan huwa kontra l-proċess ta' konservazzjoni li jitlob li tikkonserva mingħajr ma taqla' jew tbiddel b'materjal ġdid biex tagħmel dan. Il-fortifikazzjonijiet, ikkonċentrati l-aktar fiż-żona tal-Port u li kienu xhieda tal-Assedju l-Kbir tal-1565, bħalissa għaddejjin minn dan il-proċess ta' restawr.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qiegħda tinħass il-ħtieġa ta' arja nadifa, u qed insiru aktar konxji tal-importanza tagħha għal saħħitna. Huma bosta dawk il-fatturi li jwasslu sabiex l-arja ma tkunx nadifa. Madankollu, l-aktar fatturi li jikkontribwixxu għal arja mniġġsa huma d-dħaħen tossiċi tal-karozzi u dawk li joħorġu minn ċerti fabbriki meta jaħarqu żjut jew skart tossiku ieħor. It-tniġġis fl-arja għandu impatt qawwi fuq saħħitna, tant li jwassal għal mard fil-qalb u mard respiratorju, jiġifieri relatat man-nifs. Iżda t-tniġġis fl-arja wkoll jaffettwa bil-kbir l-ambjent billi jikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima, ikompli jżid il-ħsara li diġà saret fis-saff tal-ożonu u jħarbat l-ordni tal-bijodiversità.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem dwar**

**(a) <u>it-tniġġis tal-arja</u>**
**(b) it-tniġġis tal-ilma**
**(ċ) it-tniġġis tal-baħar**

**2. Il-bniedem tal-lum il-ġurnata**

**(a) <u>sar jagħraf aktar il-ħtieġa ta' arja nadifa</u>**
**(b) sar ma jagħtix kas li jkollu arja nadifa**
**(ċ) sar aktar ma jagħmel xejn biex ikollu arja nadifa**

**3. Skont is-silta li smajt, fost il-ħafna aspetti li jwasslu għal arja mniġġsa nsibu**

**(a) id-dħaħen mill-karozzi tal-linja u l-lukandi**
**(b) <u>id-dħaħen mit-traffiku u ċerti fabbriki</u>**
**(ċ) id-dħaħen tas-sigaretti u ż-żjut maħruqa**

**4. L-arja mniġġsa taffettwa lil saħħitna u ġġib mard**

**(a) <u>tal-qalb u mard respiratorju</u>**
**(b) tal-moħħ u mard tal-qalb**
**(ċ) tal-fwied u mard respiratorju**

**5. L-ambjent ukoll hu vittma ta' arja mniġġsa għaliex**

**(a) imutu ħafna siġar u jitħammeġ il-baħar**
**(b) tiżdied il-ħsara fis-saff tal-ożonu u tintemm l-ordni tal-bijodiversità**
**(ċ) <u>tinbidel il-klima, tiżdied il-ħsara fis-saff tal-ożonu u titħarbat l-ordni tal-bijodiversità</u>**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* Ix-xiri ***jew*** L-ivvjaġġar.

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ix-xiri*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhuma dawk l-affarijiet li tħobb tixtri l-aktar? Għaliex?**
2. **Taħseb li f'pajjiżna għandna biżżejjed postijiet fejn int tkun tista' tixtri dawk l-affarijiet li tħobb? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, x'tipproponi li għandu jsir?**
3. **Int qabel ma tixtri xi ħaġa tqis xi affarijiet? Taħseb x'se tixtri? Tqabbel il-prezzijiet? Jekk iva, xi jwasslek tagħmel dan? Jekk le, għaliex?**
4. **Bosta huma tal-fehma li x-xiri huwa wkoll mezz ta' rilassament. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
5. **Bosta Maltin u barranin jistennew il-ġranet ta' wara l-Milied bil-ħerqa biex jixtru xi affarijiet bl-irħis. Taħseb li llum il-ġurnata għadha teżisti differenza kbira bejn prezzijiet ta' affarijiet bla *sale* u prezzijiet ta' affarijiet bis-*sale*? Għaliex?**

JEW

**L-ivvjaġġar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ivvjaġġar***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Int tħobb tivvjaġġa? Jekk iva, tħobb tivvjaġġa f'pajjiżi fl-Ewropa jew f'dawk li mhumiex Ewropej? Jekk ma tħobbx tivvjaġġa, għaliex?**
2. **Ġieli kellek l-opportunità li tivvjaġġa barra mill-Gżejjer Maltin? Jekk iva, fejn mort u kif kienet l-esperjenza?**
3. **Kieku kellek tivvjaġġa din is-sena, biex tippreferi tivvjaġġa: bl-ajruplan jew bil-vapur? Għaliex?**
4. **Kieku jkollok tivvjaġġa kull sena, liema huwa dak l-istaġun li matulu tippreferi tivvjaġġa? Għaliex?**
5. **Taħseb li llum il-ġurnata l-Maltin u l-Għawdxin qed inaqqsu milli jivvjaġġaw? Jew xorta baqgħu jivvjaġġaw qisu mhu qiegħed iseħħ xejn?**

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-Malti Safi ***jew*** Ġużè Muscat Azzopardi.

**Il-Malti Safi**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-Malti Safi*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Li tqajjem kliem qadim u li ma jkunx għadu jintuża, isarraf ta' ġid jew ta' ħsara lil-lingwa Maltija, meta nafu li lingwa la użata hija ħajja u għalhekk tibqa' taġġorna ruħha sakemm tibqa' tintuża? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar dan?**
2. **X'taħseb li jkun il-futur ta' lsienna jekk naċċettaw u nużaw aktar kliem ta' nisel barrani għall-kliem Malti li diġà jeżisti u li għandu l-istess tifsira? Taħseb li b'hekk inkunu qegħdin insaħħu jew neqirdu l-ilsien Malti? Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Muscat Azzopardi**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ġużè Muscat Azzopardi.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1853-1927)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(ir-rumanzi)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Muscat Azzopardi għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2b** |
| DATA: | 12 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

### <u>Ir-Restawr</u>

Ir-restawr huwa proċess delikat u jitlob dedikazzjoni u paċenzja, minbarra sigħat twal ta' xogħol. Ġeneralment jindirizza binjiet u oġġetti artistiċi li jkunu saru żmien twil ilu, u propju minħabba ż-żmien, tkun saritilhom ħsara konsiderevoli u jkollhom jinbidlu kompletament b'materjal ġdid. Dan huwa kontra l-proċess ta' konservazzjoni li jitlob li tikkonserva mingħajr ma taqla' jew tbiddel b'materjal ġdid biex tagħmel dan. Il-fortifikazzjonijiet, ikkonċentrati l-aktar fiż-żona tal-Port u li kienu xhieda tal-Assedju l-Kbir tal-1565, bħalissa għaddejjin minn dan il-proċess ta' restawr.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Ix-xiri** ***jew*** **L-ivvjaġġar**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-Malti Safi** ***jew*** **Ġużè Muscat Azzopardi**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2ċ** |
| DATA: | 12 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

## Il-Fortifikazzjonijiet

F'Malta u Għawdex għandna bosta fortifikazzjonijiet li jirrakkontaw l-istorja u l-ġrajja ta' poplu. F'Malta nsibuhom l-aktar fiż-żona tal-Port il-Kbir u t-tlett ibliet, fejn il-fortifikazzjonijiet huma frott il-ħidma arkitettonika tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann bħala difiża militari. Insibu wkoll is-swar li jħarsu l-Imdina u liċ-Ċittadella. Iċ-Ċittadella, magħrufa bħala l-Kastell, hija belt iffortifikata li tmur lura għal Żmien il-Bronż, madwar 1500 sena Qabel Kristu, u żviluppat fi żmien il-Feniċi u r-Rumani. Imma l-Kavallieri wkoll taw is-sehem tagħhom fit-tisħiħ tal-fortifikazzjoni taċ-Ċittadella.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Il-logħob tan-nar huwa fost il-karatteristiċi ewlenin tal-festi Maltin u Għawdxin. Bosta jemmnu li festa mingħajr logħob tan-nar mhi festa xejn. Minn diversi xhur qabel tara bosta dilettanti jagħtu sigħat twal minn ħinhom biex jaħdmu n-nar. Issib kemm żgħażagħ u kemm adulti u anzjani li jgħidu li għalihom il-logħob tan-nar jinsab f'demmhom, avolja tkun seħħet xi traġedja marbuta mal-logħob tan-nar. Dan l-interess ħafna drabi jgħaddi mill-ġenituri għall-ulied. Fil-festi lokali, kif ukoll f'kompetizzjonijiet barra minn xtutna, dawn id-dilettanti dejjem ħallew impatt bil-wirjiet tagħhom, għalkemm xi ftit pika ma tonqosx. Importanti li l-kontroll fil-kmamar tan-nar u l-infurzar tal-liġijiet ma jonqsux biex b'hekk nevitaw ċerti traġedji.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem dwar**

**(a) il-festi Maltin u Għawdxin**
**(b) <u>il-logħob tan-nar</u>**
**(ċ) il-kompetizzjonijiet tal-logħob tan-nar barra minn xtutna**

**2. Skont is-silta, fost id-dilettanti nsibu**

**(a) tfal, adulti u anzjani**
**(b) <u>żgħażagħ, adulti u anzjani</u>**
**(ċ) adulti u anzjani biss**

**3. Skont is-silta, dawn id-dilettanti tal-logħob tan-nar jgħidu li għalihom il-logħob tan-nar jinsab f'demmhom. X'fhimt b'dan?**

**(a) <u>Interess li jinsab fin-natura tagħhom mgħoddi lilhom mill-ġenituri jew familjari</u>**
**(b) Interess personali affettwat mill-aspett soċjali**
**(ċ) Interess personali affettwat mill-festi**

**4. Dawn id-dilettanti tal-logħob tan-nar jieħdu sehem**

**(a) fil-festi tar-raħal jew tal-villaġġ biss**
**(b) <u>fil-festi lokali u f'kompetizzjonijiet tal-logħob tan-nar barra minn Malta</u>**
**(ċ) fil-festi nazzjonali**

**5. X'hemm bżonn biex nevitaw traġedji kkawżati mil-logħob tan-nar?**

**(a) Permessi li jiġu riveduti kontinwament**
**(b) <u>Kontroll fejn jinħadem in-nar filwaqt li jiġu infurzati l-liġijiet</u>**
**(ċ) Aktar preżenza tal-pulizija mal-kmamar tan-nar**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-ambjent naturali ***jew*** Iż-żgħożija.

**L-ambjent naturali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ambjent naturali***.
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'jiġik f'moħħok hekk kif tisma' "ambjent naturali"?**
2. **L-ambjent naturali Malti fix-xitwa jkun ferm differenti mill-ambjent naturali Malti fis-sajf. Skont int, x'inhuma dawn id-differenzi?**
3. **Liema l-aktar li tippreferi, l-ambjent naturali fis-sajf Malti jew fix-xitwa Maltija? Għaliex?**
4. **Taħseb li l-bniedem kapaċi jħalli effett/i fuq l-ambjent naturali? Jekk iva, x'inhuma dawn l-effett/i? Jekk le, għaliex taħseb hekk?**
5. **L-ambjent naturali huwa ta' kulħadd, għalhekk irridu nipproteġuh biex igawduh ta' warajna. X'nistgħu nagħmlu biex nipproteġuh? Taħseb li l-Maltin u l-Għawdxin għandhom edukazzjoni biżżejjed biex iħarsu l-ambjent naturali lokali?**

JEW

**Iż-żgħożija**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Iż-żgħożija***.
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Bosta jgħidu li ż-żgħożija hija l-isbaħ fażi f'ħajjitna. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
2. **X'diffikultajiet taħseb li żagħżugħ/żagħżugħa jesperjenzaw fil-fażi taż-żgħożija?**
3. **Fil-fażi taż-żgħożija ż-żgħażagħ jgħaddu minn battibekki, argumenti u nuqqas ta' ftehim mal-ġenituri jew adulti oħra li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebhom. Taqbel ma' dan? Għaliex? X'taħseb li jwassal għal dan?**
4. **Jgħidu li dak li tiżra' taħsad. Taħseb li dan japplika għall-fażi taż-żgħożija u għall-futur? Jekk iva, xi jwasslek taħseb hekk? Jekk le, għaliex?**
5. **X'taħseb li huma r-responsabbiltajiet li żagħżugħ/żagħżugħa għandhom jerfgħu fi ħdan is-soċjetà li jgħixu fiha?**

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* It-tagħlim tal-lingwi barranin ***jew*** Ġan Anton Vassallo.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *It-tagħlim tal-lingwi barranin*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Għaliex taħseb li pajjiżna jappoġġja t-tagħlim ta' lingwi barranin? Taħseb li fil-proċess tat-tagħlim tal-lingwi barranin persuna ssir ukoll midħla tal-kultura tal-pajjiż ta' dik il-lingwa barranija li tkun qed titgħallem? Taħseb li dan jista' jwassal biex pajjiżi b'kulturi differenti jifhmu aktar lil xulxin?**
2. **It-tagħlim ta' lingwi barranin minn fuq il-kotba biss taħseb li hu biżżejjed? Bosta jsostnu li meta titgħallem lingwa trid tipprattikaha wkoll. Taqbel ma' dan? Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġan Anton Vassallo**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ġan Anton Vassallo.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 19 jew 1817-1868)*
b. **Għalxiex inhu magħruf l-aktar?** *(Il-poeżiji, il-kitba ta'* Il-Ġifen Tork*)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **Kif taħseb li Ġan Anton Vassallo għen biex l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2ċ** |
| DATA: | 12 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Kandidati

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Il-Fortifikazzjonijiet**

F'Malta u Għawdex għandna bosta fortifikazzjonijiet li jirrakkontaw l-istorja u l-ġrajja ta' poplu. F'Malta nsibuhom l-aktar fiż-żona tal-Port il-Kbir u t-tlett ibliet, fejn il-fortifikazzjonijiet huma frott il-ħidma arkitettonika tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann bħala difiża militari. Insibu wkoll is-swar li jħarsu l-Imdina u liċ-Ċittadella. Iċ-Ċittadella, magħrufa bħala l-Kastell, hija belt iffortifikata li tmur lura għal Żmien il-Bronż, madwar 1500 sena Qabel Kristu, u żviluppat fi żmien il-Feniċi u r-Rumani. Imma l-Kavallieri wkoll taw is-sehem tagħhom fit-tisħiħ tal-fortifikazzjoni taċ-Ċittadella.

---

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent naturali** ***jew*** **Iż-żgħożija**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**It-tagħlim tal-lingwi barranin** ***jew*** **Ġan Anton Vassallo**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **3a** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 13 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**<u>Xi bini tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann</u>**

Matul il-perjodu twil tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li kellu l-bidu tiegħu fl-1530, Malta rat diversi binjiet ġodda f'postijiet differenti, l-aktar fil-Birgu u fil-Belt Valletta. Fil-Birgu nbena l-ewwel sptar u nbnew ukoll il-fortifikazzjonijiet. Imma fil-Belt Valletta l-Kavallieri ħallew impatt qawwi, l-aktar fejn jidħol bini pubbliku. Insibu knejjes, bereġ, palazzi, kif ukoll il-biblijoteka, is-sagra infermerija, qrib il-Forti Sant Iermu, l-Università l-antika, il-Qorti l-Antik, u t-Teatru Manoel. Bħala knejjes, wieħed jista' jsemmi fost l-oħrajn il-knisja tal-Vitorja kif ukoll il-Konkatidral ta' San Ġwann.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Is-snien huma importanti u rridu nieħdu ħsiebhom sew. Għandna nibdew nieħdu ħsiebhom mhux meta nħossu l-ewwel uġigħ ta' xi darsa jew sinna. Dan l-ewwel uġigħ juri li s-snien ikunu diġà tħassru jew bdew jitħassru. Madwar terz tat-tfal Maltin u Għawdxin juru sintomi ċari ta' tħassir ta' snien, u ħafna minn dawn it-tfal ikollhom biss ħames snin. Hemm bżonn li naħslu sniena sew u ta' spiss. Importanti li wara li nieklu naħsluhom sew u nipprovaw nevitaw ħelu u xorb li jkun fih ħafna zokkor. Biex l-edukazzjoni dwar il-ħarsien tas-snien tkompli tikber, għandna klinika mobbli tas-snien li tagħti servizz ta' kura komunitarja fl-irħula u l-ibliet Maltin.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem dwar**

**(a) l-ilsien**
**(b) <u>is-snien</u>**
**(ċ) il-ħanek**

**2. It-tfal li diġà juru sintomi ta' tħassir ta' snien għad għandhom**

**(a) erba' snin**
**(b) <u>ħames snin</u>**
**(ċ) għaxar snin**

**3. F'Malta u Għawdex insibu**

**(a) <u>terz tat-tfal li diġà jindikaw sintomi ċari ta' tħassir ta' snien</u>**
**(b) żewġ terzi tat-tfal li diġà jindikaw sintomi ċari ta' tħassir ta' snien**
**(ċ) tliet terzi tat-tfal li diġà jindikaw sintomi ċari ta' tħassir ta' snien**

**4. Huwa importanti li**

**(a) naħslu snienna kull darba wara li nieklu**
**(b) <u>naħslu snienna kull darba wara li nieklu u nevitaw ħelu u xorb b'ħafna zokkor</u>**
**(ċ) naħslu snienna wara li nieklu l-ħelu jew nixorbu xorb b'ħafna zokkor**

**5. Skont is-silta, l-edukazzjoni u l-kura komunitarja dwar is-snien qed tiżdied permezz ta'**

**(a) <u>klinika tas-snien li ddur l-irħula u l-ibliet Maltin</u>**
**(b) klinika tas-snien fissa fl-irħula u l-villaġġi Maltin**
**(ċ) klinika tas-snien fiċ-ċentri tas-saħħa**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* Id-divertiment ***jew*** Il-kura tas-saħħa.

**Id-divertiment**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Id-divertiment.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li persuna fil-ħajja mgħaġġla tal-lum għandha ċans tiddeverti? Għaliex?**
2. **Skont int, id-divertiment b'mod responsabbli huwa bżonn fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?**
3. **Id-divertiment tiegħek fil-ħajja ta' student/a minn xiex jikkonsisti l-aktar?**
4. **Taħseb li d-divertiment ivarja skont l-età tiegħek? Xi jwasslek biex taħseb hekk?**
5. **Taħseb li pajjiżna joffri postijiet biżżejjed għad-divertiment taż-żgħażagħ? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, allura x'tipproponi li għandu jsir?**

JEW

**Il-kura tas-saħħa**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-kura tas-saħħa.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li bħala poplu aħna l-Maltin nieħdu kura ta' saħħitna? Jekk iva, kif taħseb li nagħmlu dan? Jekk le, għaliex taħseb hekk?**
2. **Kif taħseb li nistgħu nieħdu ħsieb saħħitna?**
3. **Taħseb li llum il-ġurnata fil-Gżejjer Maltin teżisti informazzjoni u edukazzjoni biżżejjed ta' kif persuna tieħu kura ta' saħħitha? Xi jwasslek taħseb hekk?**
4. **Int kif tieħu kura tas-saħħa tiegħek? Tagħmel hekk għax jgħidulek jew għax tħoss il-bżonn li tagħmel hekk?**
5. **Taħseb li bħala poplu aħna l-Maltin nagħrfu l-ħtieġa tal-eżerċizzju fiżiku ta' kuljum? Jekk iva, xi jwasslek taħseb hekk? Jekk le, x'jista' jsir biex tidħol aktar il-kultura tal-eżerċizzju fiżiku fil-ħajja tagħna?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-bilingwiżmu ***jew*** Mikiel Anton Vassalli.

**Il-bilingwiżmu**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-bilingwiżmu*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Għaliex il-bilingwiżmu huwa importanti għalina? Nistgħu ngħaddu mingħajr l-Ingliż?**
2. **Skont il-fehma tiegħek jekk pajjiż uffiċjalment hu bilingwi, kull min jgħix f'dak il-pajjiż huwa bilingwi? Jiġifieri kull persuna f'dak il-pajjiż tkun taf tikteb, taqra, titkellem u tifhem biż-żewġ ilsna ndaqs?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Mikiel Anton Vassalli**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Mikiel Anton Vassalli.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

- a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 18 u 19 jew 1764-1829)*
- b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(dizzjunarju, grammatika)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
2. **Kif taħseb li Mikiel Anton Vassalli għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2016**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **3a** |
| DATA: | 13 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Xi bini tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann**

Matul il-perjodu twil tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li kellu l-bidu tiegħu fl-1530, Malta rat diversi binjiet ġodda f'postijiet differenti, l-aktar fil-Birgu u fil-Belt Valletta. Fil-Birgu nbena l-ewwel sptar u nbnew ukoll il-fortifikazzjonijiet. Imma fil-Belt Valletta l-Kavallieri ħallew impatt qawwi, l-aktar fejn jidħol bini pubbliku. Insibu knejjes, bereġ, palazzi, kif ukoll il-biblijoteka, is-sagra infermerija, qrib il-Forti Sant Iermu, l-Università l-antika, il-Qorti l-Antik, u t-Teatru Manoel. Bħala knejjes, wieħed jista' jsemmi fost l-oħrajn il-knisja tal-Vitorja kif ukoll il-Konkatidral ta' San Ġwann.

---

▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Id-divertiment** ***jew*** **Il-kura tas-saħħa**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-bilingwiżmu** ***jew*** **Mikiel Anton Vassalli**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2016**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **3b** |
| DATA: | 13 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**Antonio Sciortino**

Twieled fl-1879 u hu wieħed mill-iskulturi famużi Maltin. Dejjem wera interess kbir fl-iskultura sa minn meta kien għadu żagħżugħ. Dan jixhduh id-diversi xogħlijiet li għamel, tant li ħalla ismu minqux sew fl-arti tal-iskultura. Fost dawn insibu l-monument tal-Assedju l-Kbir fil-Belt Valletta, li jinsab quddiem il-qorti. Beda l-istudji tiegħu fl-iskultura f'Malta, fl-iskola tal-Arti, u aktar tard kompla fl-Italja, ġewwa Ruma. Magħruf ukoll minħabba l-fatt li ħoloq stil għalih innifsu 'l bogħod mit-tradizzjoni imitattiva tal-iskultura. Dan il-fatt għamlu famuż f'diversi pajjiżi tad-dinja.

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Caritas Malta toffri servizzi b'xejn lill-komunità Maltija. Huma servizzi li jiddependu ħafna mill-ġenerożità ta' għadd ta' benefatturi, li mill-qalb jgħinu lil min hu fil-bżonn. Fost dawn is-servizzi nsibu r-riabilitazzjoni mill-abbuż tad-drogi, u s-sapport lill-familjari ta' min ikun qiegħed jabbuża. Dan is-servizz jindirizza wkoll lill-ħabsin li jkunu qed jiskontaw l-aħħar sentejn mis-sentenza tagħhom. Insibu wkoll servizzi ta' edukazzjoni preventiva li jibbenefikaw minnhom studenti fl-iskejjel Maltin u Għawdxin, kemm tal-Knisja u kemm tal-Istat u Privati. L-għan huwa biex l-istudenti jibnu karattru sod, jirreżistu influwenza negattiva minn dawk li suppost ħbieb, u biex ikollhom aktar għarfien dwar l-effetti koroh fuq saħħithom mid-droga u sustanzi oħra.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

1. **Din is-silta hija dwar Caritas Malta li s-servizzi tagħha huma**

   **(a) bil-ħlas**
   **(b) <u>mingħajr ħlas</u>**
   **(ċ) uħud minnhom bil-ħlas u oħrajn b'xejn**

2. **Caritas Malta tagħti dawn is-servizzi grazzi għall-ġenerożità**

   **(a) tal-benefiċjarji**
   **(b) <u>tal-benefatturi</u>**
   **(ċ) tal-benestanti**

3. **Wieħed mis-servizzi li toffri Caritas Malta huwa dak ta' riabilitazzjoni mill-abbuż ta' sustanzi bħad-droga. Dan ifisser li permezz ta' programmi speċjalizzati jgħinu u jgħallmu lid-drogat**

   **(a) kif jieħu d-droga b'aktar attenzjoni**
   **(b) <u>joħroġ u jibqa' bogħod mill-vizzju</u>**
   **(ċ) dwar id-drogi bħala mediċina**

4. **Dan is-servizz ta' riabilitazzjoni hu offrut ukoll lil dawk il-ħabsin**

   **(a) sa mill-bidu tas-sentenza tagħhom fil-ħabs**
   **(b) wara sentejn mill-bidu tas-sentenza tagħhom fil-ħabs**
   **(ċ) <u>fl-aħħar sentejn tas-sentenza tagħhom fil-ħabs</u>**

5. **Fost servizzi oħrajn hemm is-servizz ta' edukazzjoni preventiva għall-istudenti kollha Maltin u Għawdxin. Dan ifisser li l-istudenti jkunu mgħarrfa u mgħallma**

   **(a) <u>minn qabel dwar il-ħsara tad-droga biex b'karattru sod jgħidu le għaliha</u>**
   **(b) dwar il-kura tad-droga**
   **(ċ) dwar id-droga**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-edukazzjoni ***jew*** L-ambjent tad-dar.

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-edukazzjoni*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'tifhem b'edukazzjoni? Taħseb li l-edukazzjoni għandha tkun biss relatata mal-akkwist ta' bosta ċertifikati ta' suġġetti akkademiċi? Għaliex?**
2. **X'taħseb li huma dawk l-aspetti ewlenin li jiffurmaw bniedem edukat?**
3. **X'sehem għandhom il-ġenituri jew adulti oħra li jieħdu ħsieb tfal żgħar għal żvilupp sħiħ fl-edukazzjoni tat-tifel/tifla?**
4. **Taqbel li l-edukazzjoni tgħin fl-iżvilupp sħiħ tal-karattru ta' persuna? Għaliex?**
5. **Kieku jkollok sehem fit-tfassil tal-edukazzjoni f'pajjiżna, xi tneħħi, xi tħalli u xi żżid?**

JEW

**L-ambjent tad-dar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ambjent tad-dar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Id-dar li fiha tgħix hija għal qalbek? Għaliex?**
2. **Togħġbok l-idea li tkun tgħix f'ambjent ta' dar antika? Għaliex? Jekk le, mela x'tip ta' ambjent ta' dar jogħġbok? Ambjent ta' dar moderna?**
3. **Agħtini deskrizzjoni ħafifa tal-ambjent tad-dar li int tgħix fiha jew li tippreferi li tgħix fiha.**
4. **Taħseb li l-ambjent tad-dar jista' jaffettwa lin-nies li jkunu jgħixu f'dik id-dar? Għaliex?**
5. **Skontok, illum il-ġurnata l-Maltin x'qegħdin jixtru l-aktar, djar kbar jew appartamenti? Xi jwasslek taħseb hekk?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-Malti Safi ***jew*** Ġan Franġisk Agius de Soldanis.

**Il-Malti Safi**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-Malti Safi*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Irrispettivament jekk il-kelma tkunx barranija, mislufa, qadima jew ġdida, jekk tkun taqbel ma' dak il-leħen u l-aċċent li jridhom l-ilsien Malti nistgħu ngħidu li għandha titqies bħala Malti safi. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
2. **Meta wieħed jaf li lsienna huwa prodott uniku u awtonomu, iżda magħmul minn taħlita ta' Għarbi, Taljan/Sqalli u Ingliż, l-idea tal-puristi tista' qatt tagħmel sens? Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ġan Franġisk Agius de Soldanis*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 18 jew 1712-1770)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **Kif taħseb li Ġan Franġisk Agius de Soldanis għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **3b** |
| DATA: | 13 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Kandidati

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Antonio Sciortino**

Twieled fl-1879 u hu wieħed mill-iskulturi famużi Maltin. Dejjem wera interess kbir fl-iskultura sa minn meta kien għadu żagħżugħ. Dan jixhduh id-diversi xogħlijiet li għamel, tant li ħalla ismu minqux sew fl-arti tal-iskultura. Fost dawn insibu l-monument tal-Assedju l-Kbir fil-Belt Valletta, li jinsab quddiem il-qorti. Beda l-istudji tiegħu fl-iskultura f'Malta, fl-iskola tal-Arti, u aktar tard kompla fl-Italja, ġewwa Ruma. Magħruf ukoll minħabba l-fatt li ħoloq stil għalih innifsu 'l bogħod mit-tradizzjoni imitattiva tal-iskultura. Dan il-fatt għamlu famuż f'diversi pajjiżi tad-dinja.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**L-edukazzjoni** ***jew*** **L-ambjent tad-dar**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**Il-Malti Safi** ***jew*** **Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **3ċ** |
| DATA: | 13 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**<u>Ġlormu Cassar</u>**

Twieled il-Birgu fl-1520 u nistgħu ngħidu li kien l-ewwel perit Malti li ta sehmu fl-iżvilupp tal-Gżejjer Maltin fi żmien il-Kavallieri. Tant hu hekk li ismu jibqa' marbut sew mal-ħidma tiegħu fil-proċess tal-bini tal-Belt Valletta. Il-Kavallieri raw il-ħila tiegħu fil-qasam tal-arkitettura, u saħansitra għenuh sabiex imur l-Italja u jitħarreġ aktar fl-arkitettura Rinaxximentali moderna u dik Manjirista. Ta kull xorta ta' għajnuna fil-proċess tal-bini tal-Belt Valletta, kemm fil-kostruzzjoni ta' knejjes, bereġ tal-kavallieri, palazzi, il-Palazz tal-Gran Mastru, djar privati, fran u kemm fil-fortifikazzjonijiet.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fil-Gżejjer Maltin jara li jipproteġi ħajjet il-bniedem, irrispettivament mill-ġens tiegħu. Barra minn hekk, huwa wkoll ix-xogħol tad-Dipartiment li jħares il-propjetà u l-ambjent, filwaqt li hu wkoll responsabbli għas-sistema nazzjonali ta' prevenzjoni u l-preparamenti u r-rispons f'każ ta' diżastru li jolqot lill-Gżejjer Maltin. Jagħmel parti wkoll minn sistema ta' protezzjoni ċivili Ewropea. Il-kwartieri ċentrali jinsabu f'Ta' Kandja, fejn fost taqsimiet diversi nsibu ċ-ċentru tal-kontroll, li hu wkoll responsabbli – ma' entitajiet oħra – għat-tqassim ta' telefonati ta' emerġenza fuq in-numru 112. Barra minn hekk, insibu diversi stazzjonijiet tal-Protezzjoni Ċivili f'Malta u Għawdex. Fosthom insibu stazzjonijiet f'Ħal Far, il-Furjana, ix-Xemxija, Kordin, il-Marsa u fix-Xewkija (Għawdex).**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem fuq**

**(a) id-Dipartiment tal-Emerġenza**
**(b) <u>id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili</u>**
**(ċ) id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ambjentali**

**2. Dan id-Dipartiment iħares**

**(a) <u>ħajjet il-bniedem, il-propjetà u l-ambjent</u>**
**(b) ħajjet il-bniedem u l-ambjent**
**(ċ) ħajjet il-bniedem u l-propjetà**

**3. Ma' entitajiet oħra, id-Dipartiment jgħin fit-tqassim ta' telefonati ta' emerġenza fuq in-numru**

**(a) <u>112</u>**
**(b) 121**
**(ċ) 211**

**4. Jagħmel parti wkoll minn sistema ta'**

**(a) <u>protezzjoni ċivili Ewropea</u>**
**(b) protezzjoni ċivili Ewropea u Internazzjonali**
**(ċ) protezzjoni ċivili Internazzjonali**

**5. Skont is-silta, id-Dipartiment huwa wkoll responsabbli għas-sistema**

**(a) <u>nazzjonali ta' prevenzjoni u l-preparamenti u r-rispons f'każ ta' diżastru</u>**
**(b) nazzjonali ta' preparamenti u rispons f'każ ta' diżastru**
**(ċ) Ewropea ta' prevenzjoni u l-preparamenti f'każ ta' diżastru**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* Il-ġrajjiet kurrenti ***jew*** Ix-xiri.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-ġrajjiet kurrenti.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li huwa importanti li persuna tkun midħla u konxja tal-ġrajjiet kurrenti li qegħdin iseħħu kemm f'pajjiżha u kemm fix-xena dinjija? Għaliex?**
2. **Il-mezzi ta' komunikazzjoni jgħinu ħafna biex l-individwu jkun mgħarraf bil-ġrajjiet kurrenti. Madankollu hemm min jisħaq li mhux kollha jagħtu l-informazzjoni ċara u korretta ta' dak li jkun qiegħed jiġri. Int taqbel ma' dan? Għaliex?**
3. **Int liema mezz ta' komunikazzjoni l-aktar li tinqeda bih biex taġġorna ruħek dwar il-ġrajjiet kurrenti? Għaliex?**
4. **Taf tgħidli dwar xi ġrajjiet kurrenti dinjija li meta sirt taf dwarhom ħassejtek ferħan/a jew b'qalbek sewda għal dak li ġara? Għaliex ħassejtek kif ħassejtek?**
5. **Taf tgħidli dwar xi ġrajjiet kurrenti lokali li meta sirt taf dwarhom ħassejtek ferħan/a jew b'qalbek sewda għal dak li ġara? Għaliex ħassejtek kif ħassejtek?**

JEW

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ix-xiri*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhuma dawk l-affarijiet li tħobb tixtri l-aktar? Għaliex?**
2. **Taħseb li f'pajjiżna għandna biżżejjed postijiet fejn int tkun tista' tixtri dawk l-affarijiet li tħobb? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, x'tipproponi li għandu jsir?**
3. **Int qabel ma tixtri xi ħaġa tqis xi affarijiet, taħseb x'se tixtri, tqabbel il-prezzijiet? Jekk iva, xi jwasslek tagħmel dan? Jekk le, għaliex?**
4. **Bosta huma tal-fehma li x-xiri huwa wkoll mezz ta' rilassament. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
5. **Bosta Maltin u barranin jistennew il-ġranet ta' wara l-Milied bil-ħerqa biex jixtru xi affarijiet bl-irħis. Taħseb li llum il-ġurnata għadha teżisti differenza kbira bejn prezzijiet ta' affarijiet bla *sale* u prezzijiet ta' affarijiet bis-*sale*? Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* It-tagħlim tal-lingwi barranin ***jew*** Dun Karm Psaila.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *It-tagħlim tal-lingwi barranin*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'tifhem meta ngħidu li permezz tat-tagħlim tal-lingwi barranin (i) ningħaqdu mal-kumplament tad-dinja, (ii) naġġornaw ruħna intellettwalment u kulturalment u (iii) nivvjaġġaw b'mod ħieles?**
2. **Jingħad li t-tagħlim tal-lingwi barranin jirriżulta fi żvilupp tal-ħiliet komunikattivi tal-lingwi, speċjalment jekk dan it-tagħlim jibda minn età żgħira fil-livell edukattiv primarju. Taqbel ma' dan? Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Dun Karm Psaila**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Dun Karm Psaila.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1871-1961)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(Il-kitba tal-Innu Malti, poeżiji, dizzjunarju)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **Kif taħseb li Dun Karm Psaila għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **3ċ** |
| DATA: | 13 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**<u>Ġlormu Cassar</u>**

Twieled il-Birgu fl-1520 u nistgħu ngħidu li kien l-ewwel perit Malti li ta sehmu fl-iżvilupp tal-Gżejjer Maltin fi żmien il-Kavallieri. Tant hu hekk li ismu jibqa' marbut sew mal-ħidma tiegħu fil-proċess tal-bini tal-Belt Valletta. Il-Kavallieri raw il-ħila tiegħu fil-qasam tal-arkitettura, u saħansitra għenuh sabiex imur l-Italja u jitħarreġ aktar fl-arkitettura Rinaxximentali moderna u dik Manjirista. Ta kull xorta ta' għajnuna fil-proċess tal-bini tal-Belt Valletta, kemm fil-kostruzzjoni ta' knejjes, bereġ tal-kavallieri, palazzi, il-Palazz tal-Gran Mastru, djar privati, fran u kemm fil-fortifikazzjonijiet.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-ġrajjiet kurrenti *jew* Ix-xiri**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**It-tagħlim tal-lingwi barranin *jew* Dun Karm Psaila**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4a** |
| DATA: | 14 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**<u>Giuseppe Calì</u>**

Bosta knejjes Maltin u Għawdxin huma mżejna b'diversi xogħlijiet ta' pittura li jixhdu l-ħila u t-teknika ta' pittur Malti li twieled fil-Belt Valletta, fl-1846. Dan huwa Giuseppe Calì, imlaqqam bħala "x-xitan bil-pinzell". Illum il-ġurnata, xogħlijiet diversi minn tiegħu nsibuhom fil-Mużew tal-Arti. Madankollu, insibu wkoll xogħlijiet fi knejjes ġewwa l-Belt Valletta, iżda wkoll f'oħrajn f'diversi rħula, fosthom il-Mosta, Ħal Luqa, Tas-Sliema, Birkirkara u l-Qrendi. Il-knejjes tal-Fontana u ta' San Lawrenz f'Għawdex ukoll igawdu xogħlu. Jingħad li l-aqwa xogħol tiegħu huwa l-mewt ta' Dragut.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**L-astroloġija hija l-istudju tal-impatt tal-istilel u entitajiet oħra fl-univers fuq il-ħajja tal-bniedem. L-astroloġisti jisħqu li jistgħu jgħidu minn qabel il-futur ta' nazzjonijiet kif ukoll il-fortuni u l-isfortuni diversi tal-bniedem. Skonthom dan jistgħu jagħmluh billi jistħarrġu u jistudjaw il-movimenti tal-istilel, tax-xemx, tal-qamar u tal-pjaneti fl-univers, li fl-astroloġija huwa meqjus bħala ż-żodjaku. Iż-żodjaku jifforma tnax-il taqsima li fihom jinħolqu l-kostellazzjonijiet li huma gruppi ta' stilel imsemmija għal xi annimal jew oġġett. Bosta ma jemmnux minħabba l-kultura u r-reliġjon tagħhom. Għalkemm teżisti kurżità dwar l-oroskopju, l-astroloġija tilfet ħafna mill-importanza għaliex il-prinċipji tagħha la jaqblu ma' prinċipji xjentifiċi u lanqas jibbażaw fuqhom.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem dwar**

**(a) L-astronomija**
**(b) <u>L-astroloġija</u>**
**(ċ) L-astrokimika**

**2. Skont l-astroloġisti l-astroloġija tistħarreġ**

**(a) il-futur tal-bniedem**
**(b) il-futur u l-karattru tal-bniedem**
**(ċ) <u>il-futur tal-bniedem kif ukoll tan-nazzjonijiet</u>**

**3. Dan l-istħarriġ isir billi jiġu studjati**

**(a) <u>l-movimenti tal-istilel, tax-xemx, tal-qamar u tal-pjaneti fl-univers</u>**
**(b) l-movimenti tal-istilel**
**(ċ) il-kobor tal-istilel, tax-xemx, tal-qamar u tal-pjaneti fl-univers**

**4. Ħafna ma jemmnux dak li jgħidu l-astroloġisti minħabba**

**(a) l-kultura u l-identità nazzjonali tagħhom**
**(b) <u>l-kultura u t-twemmin reliġjuż tagħhom</u>**
**(ċ) l-kultura u x-xettiċiżmu personali tagħhom lejn l-astroloġija**

**5. Il-prinċipji tal-istudju tal-astroloġija**

**(a) huma validi għax jibbażaw fuq prinċipji xjentifiċi u jaqblu magħhom**
**(b) <u>mhumiex validi għax la jibbażaw fuq prinċipji xjentifiċi u lanqas jaqblu magħhom</u>**
**(ċ) huma validi għax jibbażaw fuq evidenza xjentifika u jaqblu magħha**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-ivvjaġġar ***jew*** Iż-żgħożija.

**L-ivvjaġġar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ivvjaġġar***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Int tħobb tivvjaġġa? Jekk iva, tħobb tivvjaġġa f'pajjiżi fl-Ewropa jew f'dawk li mhumiex Ewropej? Jekk ma tħobbx tivvjaġġa, għaliex?**
2. **Ġieli kellek l-opportunità li tivvjaġġa barra mill-Gżejjer Maltin? Jekk iva, fejn mort u kif kienet l-esperjenza?**
3. **Kieku kellek tivvjaġġa din is-sena, biex tippreferi tivvjaġġa: bl-ajruplan jew bil-vapur? Għaliex?**
4. **Kieku jkollok tivvjaġġa kull sena, liema huwa dak l-istaġun li matulu tippreferi tivvjaġġa? Għaliex?**
5. **Taħseb li llum il-ġurnata l-Maltin u l-Għawdxin qed inaqqsu milli jivvjaġġaw? Jew xorta baqgħu jivvjaġġaw qisu mhu qiegħed iseħħ xejn?**

JEW

**Iż-żgħożija**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Iż-żgħożija.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Bosta jgħidu li ż-żgħożija hija l-isbaħ fażi f'ħajjitna. Taqbel ma' dan? Għaliex? Taħseb li ż-żgħożija ta' kull żagħżugħ/żagħżugħa hija mill-isbaħ?**
2. **X'diffikultajiet taħseb li żagħżugħ/żagħżugħa jesperjenzaw fil-fażi taż-żgħożija?**
3. **Fil-fażi taż-żgħożija, iż-żgħażagħ jgħaddu minn battibekki, argumenti u nuqqas ta' ftehim mal-ġenituri jew adulti oħra li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebhom. Taqbel ma' dan? Għaliex taħseb hekk? X'taħseb li jwassal għal dan?**
4. **Jgħidu li dak li tiżra' taħsad. Taħseb li dan japplika għall-fażi taż-żgħożija u għall-futur? Jekk iva, xi jwasslek taħseb hekk? Jekk le, għaliex?**
5. **X'taħseb li huma r-responsabbiltajiet li żagħżugħ/żagħżugħa għandhom jerfgħu fi ħdan is-soċjetà li jgħixu fiha?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-bilingwiżmu ***jew*** Ġużè Aquilina.

**Il-bilingwiżmu**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-bilingwiżmu*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'vantaġġi tara fil-fatt li l-Ingliż huwa lingwa uffiċjali ta' Malta flimkien mal-Malti, u fil-fatt li l-Ingliż huwa lingwa internazzjonali?**
2. **Bil-bilingwiżmu aktar ningħaqdu mad-dinja kollha. Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Aquilina**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ġużè Aquilina.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1911-1997)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *((id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġużè Aquilina għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4a** |
| DATA: | 14 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**Giuseppe Calì**

Bosta knejjes Maltin u Għawdxin huma mżejna b'diversi xogħlijiet ta' pittura li jixhdu l-ħila u t-teknika ta' pittur Malti li twieled fil-Belt Valletta, fl-1846. Dan huwa Giuseppe Calì, imlaqqam bħala "x-xitan bil-pinzell". Illum il-ġurnata, xogħlijiet diversi minn tiegħu nsibuhom fil-Mużew tal-Arti. Madankollu, insibu wkoll xogħlijiet fi knejjes ġewwa l-Belt Valletta, iżda wkoll f'oħrajn f'diversi rħula, fosthom il-Mosta, Ħal Luqa, Tas-Sliema, Birkirkara u l-Qrendi. Il-knejjes tal-Fontana u ta' San Lawrenz f'Għawdex ukoll igawdu xogħlu. Jingħad li l-aqwa xogħol tiegħu huwa l-mewt ta' Dragut.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ivvjaġġar** ***jew*** **Iż-żgħożija**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-bilingwiżmu** ***jew*** **Ġużè Aquilina**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4b** |
| DATA: | 14 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**<u>L-irwiegel</u>**

Fl-imgħoddi mbiegħed, il-bdiewa kienu josservaw l-elementi tan-natura marbuta mat-temp. Kienu jaraw kif kien se jkun it-temp billi b'għerf, b'għaqal u b'osservazzjoni, kienu jistgħu jbassru x'temp ser ikun. L-osservazzjoni tal-pożizzjoni tax-xemx, tar-riħ minn fejn ikun qed jonfoħ, tas-sħab u tax-xita, kienu l-aspetti ewlenin biex il-bdiewa jaslu għall-irwiegel. Din l-osservazzjoni kienet issir bejn it-13 u l-24 ta' Diċembru. Insibu bosta qwiel u taqbiliet relatati mat-temp, speċjalment fejn jidħlu x-xemx, ix-xita u l-irjieħ, li juru kemm missirijietna kienu josservaw it-temp mill-esperjenza tagħhom.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Fl-istorja tal-Gżejjer Maltin l-Assedju l-Kbir hu avveniment storiku ta' importanza kbira. Dan l-avveniment ra lill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann jissieltu bil-qawwa kontra t-Torok Ottomani fis-sena 1565. Il-Kavallieri kienu ilhom jafu li t-Torok Ottomani kellhom il-ħsieb li jattakkaw biex jaħtfu lill-Gżejjer Maltin. L-Assedju l-Kbir dam madwar tliet xhur. Wara dan il-perjodu qasir iżda mdemmi ta' ftit xhur, l-armata Torka rtirat u b'hekk tat rebħa lill-Kavallieri u lill-Maltin li wrew il-kuraġġ u l-qlubija tagħhom fid-difiża tax-xtut Maltin, tant li kien hemm min tilef ħajtu. Fis-sena 2015 iċċelebrajna l-450 anniversarju minn din il-ġrajja storika b'diversi esebizzjonijiet u attivitajiet lokali.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Il-qofol ta' din is-silta hu dwar**

**(a) Il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann**
**(b) <u>L-Assedju l-Kbir</u>**
**(ċ) It-Torok Ottomani**

**2. L-Assedju l-Kbir seħħ fis-sena**

**(a) <u>1565</u>**
**(b) 1665**
**(ċ) 1765**

**3. L-Assedju l-Kbir dam madwar**

**(a) <u>tliet xhur</u>**
**(b) erba' xhur**
**(ċ) ħames xhur**

**4. Fis-silta smajt li l-armata Torka rtirat. Dan ifisser li**

**(a) ċediet**
**(b) <u>ċediet u telqet</u>**
**(ċ) ċediet u baqgħet Malta**

**5. Fis-silta smajt li l-Assedju l-Kbir huwa kkonsidrat bħala avveniment kbir u importanti. Għaliex?**

**(a) <u>Minħabba li l-Maltin u l-Kavallieri wrew qlubija kbira</u>**
**(b) Għax l-Ordni tal-Kavallieri kien b'saħħtu**
**(ċ) Għax iċċelebrajna l-450 anniversarju**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-ambjent naturali ***jew*** Ix-xiri.

**L-ambjent naturali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ambjent naturali.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'jiġik f'moħħok hekk kif tisma' "ambjent naturali"?**
2. **L-ambjent naturali Malti fix-xitwa jkun ferm differenti mill-ambjent naturali Malti fis-sajf. Skont int, x'inhuma dawn id-differenzi?**
3. **Liema l-aktar li tippreferi, l-ambjent naturali fis-sajf Malti jew fix-xitwa Maltija? Għaliex?**
4. **Taħseb li l-bniedem kapaċi jħalli effett/i fuq l-ambjent naturali? Jekk iva, x'inhuma dawn l-effett/i? Jekk le, għaliex taħseb hekk?**
5. **L-ambjent naturali huwa ta' kulħadd, għalhekk irridu nipproteġuh biex igawduh ta' warajna. X'nistgħu nagħmlu biex nipproteġuh? Taħseb li l-Maltin u l-Għawdxin għandhom edukazzjoni biżżejjed biex iħarsu l-ambjent naturali lokali?**

JEW

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ix-xiri*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhuma dawk l-affarijiet li tħobb tixtri l-aktar? Għaliex?**
2. **Taħseb li f'pajjiżna għandna biżżejjed postijiet fejn int tkun tista' tixtri dawk l-affarijiet li tħobb? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, x'tipproponi li għandu jsir?**
3. **Int qabel ma tixtri xi ħaġa tqis xi affarijiet, taħseb x'se tixtri, tqabbel il-prezzijiet? Jekk iva, xi jwasslek tagħmel dan? Jekk le, għaliex?**
4. **Bosta huma tal-fehma li x-xiri huwa wkoll mezz ta' rilassament. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
5. **Bosta Maltin u barranin jistennew il-ġranet ta' wara l-Milied bil-ħerqa biex jixtru xi affarijiet bl-irħis. Taħseb li llum il-ġurnata għadha teżisti differenza kbira bejn prezzijiet ta' affarijiet bla *sale* u prezzijiet ta' affarijiet bis-*sale*? Għaliex taħseb hekk?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-Malti Safi ***jew*** Ninu Cremona.

**Il-Malti Safi**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-Malti Safi*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Meta nitkellmu bil-Malti nagħmlu użu minn vokabularju li l-oriġini tiegħu hija mill-Għarbi, Taljan/Sqalli u Ingliż. Allura meta nafu dan, taħseb li jista' qatt xi darba ngħidu li l-Malti hu safi? Għaliex?**
2. **Fil-fehma tiegħek x'inhu Malti Safi? Kif nistgħu lil ilsienna nsaffuh u minn xiex?**

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ninu Cremona**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ninu Cremona.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1880-1972)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(il-grammatika)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ninu Cremona għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** | ***3 MARKI*** | ***4 MARKI*** |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4b** |
| DATA: | 14 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**L-irwiegel**

Fl-imgħoddi mbiegħed, il-bdiewa kienu josservaw l-elementi tan-natura marbuta mat-temp. Kienu jaraw kif kien se jkun it-temp billi b'għerf, b'għaqal u b'osservazzjoni, kienu jistgħu jbassru x'temp ser ikun. L-osservazzjoni tal-pożizzjoni tax-xemx, tar-riħ minn fejn ikun qed jonfoħ, tas-sħab u tax-xita, kienu l-aspetti ewlenin biex il-bdiewa jaslu għall-irwiegel. Din l-osservazzjoni kienet issir bejn it-13 u l-24 ta' Diċembru. Insibu bosta qwiel u taqbiliet relatati mat-temp, speċjalment fejn jidħlu x-xemx, ix-xita u l-irjieħ, li juru kemm missirijietna kienu josservaw it-temp mill-esperjenza tagħhom.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent naturali *jew* Ix-xiri**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-Malti Safi *jew* Ninu Cremona**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4ċ** |
| DATA: | 14 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**Il-Ħobża Maltija**

Il-ħobża Maltija minn dejjem kienet populari. Mingħajrha, ikla ma kinitx tkun kompluta. It-taħlita magħmula mid-dqiq, ħmira u melħ kienet tiġi magħġuna sew fil-lembi. Wara li kienet issir bajda, fuqha kienu jitfgħu d-dqiq u biċċa ċarruta biex jgħattuha u jħalluha tistrieħ sakemm tikber ferm aktar permezz tal-ħmira. Hekk kif l-għaġna tikber, kienet titqatta' fi blalen żgħar li kienu jitpoġġew fuq twavel. Dawn il-blalen kien isirilhom jew sinjal forma ta' salib fil-wiċċ jew qatgħa fil-ġenb. Imbagħad jinħmew ġo forn sħun b'temperatura ta' 500 grad.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**L-astronomija titqies bħala xjenza u tistħarreġ l-entitajiet diversi tal-univers, fosthom l-istilel, ix-xemx, il-qamar u l-pjaneti, u l-aspetti l-oħra li jagħmlu parti minnu, bħall-gassijiet. Il-qofol tal-astronomija jibbaża ruħu fuq l-osservazzjoni u l-istudju tal-bniedem fuq l-univers. L-osservazzjoni u l-istudju huma megħjuna minn strumenti xjentifiċi. F'din l-osservazzjoni jiġi analizzat u studjat dak kollu li jeżisti u li jkun qiegħed iseħħ fl-univers. Jiġi studjat biex wieħed jifhem u jagħmel aktar sens minn dak li seħħ, li qiegħed iseħħ u li jista' jseħħ. L-astronomi jifformulaw teoriji sabiex jipprovaw bil-mod jifhmu l-univers. Ċerti spekulazzjonijiet fuq in-natura tal-univers saħansitra jitbiegħdu mill-istudju tal-astronomija għax għeruqhom insibuhom aktar fil-prinċipji tal-matematika u l-filosofija.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem dwar l-astronomija bħala**

**(a) twemmin**
**(b) <u>xjenza</u>**
**(ċ) kultura**

**2. L-astronomija tistħarreġ**

**(a) <u>dak kollu li hemm fl-univers</u>**
**(b) l-istilel**
**(ċ) l-istilel u l-pjaneti**

**3. L-istudju tal-univers mill-bniedem jibbaża ruħu fuq**

**(a) <u>l-osservazzjoni xjentifika</u>**
**(b) l-ispekulazzjoni**
**(ċ) ir-reliġjon**

**4. Fl-osservazzjoni jiġi analizzat u studjat dak kollu li jeżisti u li jkun qiegħed iseħħ fl-univers kif ukoll nifhmu u nagħmlu sens**

**(a) mill-univers skont dak li jista' jiġri fl-univers**
**(b) <u>mill-univers skont il-passat, il-preżent u l-futur tal-univers</u>**
**(ċ) skont l-oriġini tal-univers**

**5. Xi spekulazzjonijiet fuq in-natura tal-univers jitbiegħdu mill-astronomija**

**(a) <u>minħabba li jkunu mnissla minn prinċipji matematiċi u filosofiċi</u>**
**(b) minħabba li jitbiegħdu mill-fiżika u l-filosofija**
**(ċ) minħabba li jitbiegħdu mill-matematika u l-fiżika**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* Il-ġrajjiet kurrenti ***jew*** L-edukazzjoni.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-ġrajjiet kurrenti.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li huwa importanti li persuna tkun midħla u konxja tal-ġrajjiet kurrenti li qegħdin iseħħu kemm f'pajjiżha u kemm fix-xena dinjija? Għaliex?**
2. **Il-mezzi ta' komunikazzjoni jgħinu ħafna biex l-individwu jkun mgħarraf bil-ġrajjiet kurrenti. Madankollu hemm min jisħaq li mhux kollha jagħtu l-informazzjoni ċara u korretta ta' dak li jkun qiegħed jiġri. Int taqbel ma' dan? Għaliex?**
3. **Int liema mezz ta' komunikazzjoni l-aktar li tinqeda bih biex taġġorna ruħek dwar il-ġrajjiet kurrenti? Għaliex?**
4. **Taf tgħidli dwar xi ġrajjiet kurrenti dinjija li meta sirt taf dwarhom ħassejtek ferħan/a jew b'qalbek sewda għal dak li ġara? Għaliex ħassejtek kif ħassejtek?**
5. **Taf tgħidli dwar xi ġrajjiet kurrenti lokali li meta sirt taf dwarhom ħassejtek ferħan/a jew b'qalbek sewda għal dak li ġara? Għaliex ħassejtek kif ħassejtek?**

JEW

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-edukazzjoni*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'tifhem b'edukazzjoni? Taħseb li l-edukazzjoni għandha tkun biss relatata mal-akkwist ta' bosta ċertifikati ta' suġġetti akkademiċi? Għaliex taħseb hekk?**
2. **X'taħseb li huma dawk l-aspetti ewlenin li jagħmel bniedem edukat?**
3. **X'sehem għandhom il-ġenituri jew adulti oħra li jieħdu ħsieb tfal żgħar għal żvilupp sħiħ fl-edukazzjoni tat-tifel/tifla?**
4. **Taqbel li l-edukazzjoni tgħin fl-iżvilupp sħiħ tal-karattru ta' persuna? Għaliex taħseb hekk?**
5. **Kieku jkollok sehem fit-tfassil tal-edukazzjoni f'pajjiżna, xi tneħħi, xi tħalli u xi żżid?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* It-tagħlim tal-lingwi barranin ***jew*** Pietru Pawl Saydon.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *It-tagħlim tal-lingwi barranin*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Skont int, x'inhuma dawk l-aspetti pożittivi li persuna takkwista meta titgħallem diversi lingwi barranin?**
2. **Hemm il-bżonn jew m'hemmx il-bżonn li pajjiżna jsaħħaħ l-idea tat-tagħlim tal-lingwi barranin? Għaliex taħseb hekk?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Pietru Pawl Saydon**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Pietru Pawl Saydon*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 20 jew 1895-1971)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(it-traduzzjoni tal-Bibbja)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **X'sehem ta Pietru Pawl Saydon biex jara li l-ilsien Malti jkun parti mill-kultura u l-identità tal-Gżejjer Maltin?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4ċ** |
| DATA: | 14 ta’ April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Kandidati

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

### Il-Ħobża Maltija

Il-ħobża Maltija minn dejjem kienet populari. Mingħajrha, ikla ma kinitx tkun kompluta. It-taħlita magħmula mid-dqiq, ħmira u melħ kienet tiġi magħġuna sew fil-lembi. Wara li kienet issir bajda, fuqha kienu jitfgħu d-dqiq u biċċa ċarruta biex jgħattuha u jħalluha tistrieħ sakemm tikber ferm aktar permezz tal-ħmira. Hekk kif l-għaġna tikber, kienet titqatta' fi blalen żgħar li kienu jitpoġġew fuq twavel. Dawn il-blalen kien isirilhom jew sinjal forma ta' salib fil-wiċċ jew qatgħa fil-ġenb. Imbagħad jinħmew ġo forn sħun b'temperatura ta' 500 grad.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-ġrajjiet kurrenti *jew* L-edukazzjoni**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**It-tagħlim tal-lingwi barranin *jew* Pietru Pawl Saydon**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5a** |
| DATA: | 15 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

## Is-Safar

Is-safar ikabbarna personalment u kulturalment, u wieħed jinduna li l-Gżejjer Maltin huma parti mid-dinja u mhumiex id-dinja. Permezz ta' vjaġġ twil jew qasir, tagħmel realtà dak li forsi għal żmien kont tara fuq diversi mezzi ta' komunikazzjoni. Tagħraf li lil hinn minn pajjiżek hemm nies bħalek jew li jistgħu jkunu aħjar jew agħar minnek. Is-safar jgħinek ukoll biex, jekk tkun qed tistudja lingwa barranija, tkun tista' tgħixha u tipprattikaha f'dak il-pajjiż, flimkien mal-kultura, ġaladarba ma tista' qatt tifred il-lingwa mill-kultura u viċeversa.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Illum il-ġurnata l-internet huwa użat minn ħafna għax joffri minjiera ta' informazzjoni fuq kull aspett li trid tkun taf fuqu. Barra minn hekk, jagħtik l-opportunità li żżomm kuntatt dirett mal-familja u l-ħbieb, ukoll jekk fiżikament tkun kilometri 'l bogħod minnhom. Madankollu, l-internet jista' jsir vizzju meta tużah b'mod eċċessiv. L-użu tal-internet f'Malta hu akbar minn f'Għawdex. Dan joħroġ ċar minn riċerka li saret miċ-Ċentru Nazzjonali għall-Ħelsien mill-Vizzji, fi ħdan il-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà Maltija. Fost ħwejjeġ oħra nsibu li tlieta u tletin fil-mija ta' dawk li għandhom bejn it-tmintax u t-tletin sena huma vittmi tal-internet għax jagħmlu użu eċċessiv minnu u jesperjenzaw problemi personali minħabba dan.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem dwar**

**(a) <u>l-internet</u>**
**(b) l-internet *cafès***
**(ċ) l-internet fid-djar**

**2. Skont is-silta hemm**

**(a) xi vantaġġi fl-użu tal-internet**
**(b) <u>xi vantaġġi u żvantaġġi fl-użu tal-internet</u>**
**(ċ) xi żvantaġġi fl-użu tal-internet**

**3. L-internet isir vizzju meta tużah**

**(a) b'mod kontrollabli**
**(b) <u>b'mod inkontrollabli u esaġerat</u>**
**(ċ) b'moderazzjoni**

**4. Ir-riċerka dwar l-użu tal-internet fil-Gżejjer Maltin**

**(a) saret mill-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà Maltija**
**(b) <u>saret miċ-Ċentru Nazzjonali għall-Ħelsien mill-Vizzji</u>**
**(ċ) saret mid-Dipartiment tal-Informazzjoni**

**5. Fis-silta jgħid li n-nies jistgħu jkunu vittmi tal-internet. Għaliex?**

**(a) <u>Għax jesperjenzaw problemi personali minħabba fih</u>**
**(b) Għax joffri minjiera ta' informazzjoni**
**(ċ) Għax ikunu qed jissagrifikaw ħajjithom**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

### 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-ambjent naturali ***jew*** Iż-żgħożija.

**L-ambjent naturali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ambjent naturali.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'jiġik f'moħħok hekk kif tisma' "ambjent naturali"?**
2. **L-ambjent naturali Malti fix-xitwa jkun ferm differenti mill-ambjent naturali Malti fis-sajf. X'inhuma dawn id-differenzi?**
3. **Liema l-aktar li tippreferi, l-ambjent naturali fis-sajf Malti jew fix-xitwa Maltija? Għaliex?**
4. **Taħseb li l-bniedem kapaċi jħalli effett fuq l-ambjent naturali? Jekk iva, x'inhu dan l-effett? Jekk le, għaliex taħseb hekk?**
5. **L-ambjent naturali huwa ta' kulħadd, għalhekk irridu nipproteġuh biex igawduh ta' warajna. X'nistgħu nagħmlu biex nipproteġuh? Taħseb li l-Maltin u l-Għawdxin għandhom edukazzjoni biżżejjed biex iħarsu l-ambjent naturali lokali?**

JEW

**Iż-żgħożija**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Iż-żgħożija.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Bosta jgħidu li ż-żgħożija hija l-isbaħ fażi f'ħajjitna. Taqbel ma' dan? Għaliex? Taħseb li ż-żgħożija ta' kull żagħżugħ/żagħżugħa hija mill-isbaħ?**
2. **X'diffikultajiet taħseb li żagħżugħ/żagħżugħa jesperjenzaw fil-fażi taż-żgħożija?**
3. **Fil-fażi taż-żgħożija, iż-żgħażagħ jgħaddu minn battibekki, argumenti u nuqqas ta' ftehim mal-ġenituri jew adulti oħra li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebhom. Taqbel ma' dan? Għaliex taħseb hekk? X'taħseb li jwassal għal dan?**
4. **Jgħidu li dak li tiżra' taħsad. Taħseb li dan japplika għall-fażi taż-żgħożija u għall-futur? Jekk iva, xi jwasslek taħseb hekk? Jekk le, għaliex?**
5. **X'taħseb li huma r-responsabbiltajiet li żagħżugħ/żagħżugħa għandhom jerfgħu fi ħdan is-soċjetà li jgħixu fiha?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-bilingwiżmu ***jew*** Dun Karm Psaila.

**Il-bilingwiżmu**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-bilingwiżmu*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'taħseb li huma l-effetti tal-bilingwiżmu fuq l-iżvilupp edukattiv tal-persuna bilingwi?**
2. **Taħseb li pajjiżna jista' jibbenefika ekonomikament għax huwa pajjiż bilingwi, meta nqisu li t-tieni lingwa tagħna, l-Ingliż, hija lingwa internazzjonali? Jekk taħseb li iva, kif u minn xiex jista' jibbenefika pajjiżna? Jekk taħseb li le, għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Dun Karm Psaila**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Dun Karm Psaila.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'taf tgħidli fuqu?**

*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

   a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1871-1961)*
   b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(Il-kitba tal-Innu Malti, poeżiji, dizzjunarju)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **Kif taħseb li Dun Karm Psaila għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5a** |
| DATA: | 15 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Kandidati

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

### Is-Safar

Is-safar ikabbarna personalment u kulturalment, u wieħed jinduna li l-Gżejjer Maltin huma parti mid-dinja u mhumiex id-dinja. Permezz ta' vjaġġ twil jew qasir, tagħmel realtà dak li forsi għal żmien kont tara fuq diversi mezzi ta' komunikazzjoni. Tagħraf li lil hinn minn pajjiżek hemm nies bħalek jew li jistgħu jkunu aħjar jew agħar minnek. Is-safar jgħinek ukoll biex, jekk tkun qed tistudja lingwa barranija, tkun tista' tgħixha u tipprattikaha f'dak il-pajjiż, flimkien mal-kultura, ġaladarba ma tista' qatt tifred il-lingwa mill-kultura u viċeversa.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent naturali *jew* Iż-żgħożija**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-bilingwiżmu *jew* Dun Karm Psaila**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **5b** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 15 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**Ir-Regatta**

Forma ta' sport partikulari huwa dak tar-Regatta. Dan l-isport jikkonsisti minn tiġrijiet tad-dgħajjes l-aktar fiż-żona tal-Port il-Kbir. Jingħad li dan l-isport beda fis-seklu 17 u kien jiġi pprattikat l-aktar fl-inħawi tat-tlett ibliet, jiġifieri l-Isla, il-Birgu u Bormla. Il-qofol tiegħu kien u għadu sal-ġurnata tal-lum, li jkun parti minn xi festa nazzjonali, speċjalment il-festa tal-Vitorja. Kull min jieħu sehem f'dawn it-tiġrijiet jinħakem minn sens sportiv qawwi, u minn xi ftit pika u xi mħatri li jagħtu ħajja lil dan l-isport.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**L-użu tal-mowbajl għandu kemm vantaġġi u kemm żvantaġġi. Dan dejjem jiddependi minn kif tużah il-persuna. Il-mowbajl hu importanti f'każ ta' emerġenza għax faċilment tista' tikkuntattja lill-familja jew lill-pulizija jew inkella ssejjaħ ambulanza. Barra minn hekk, peress li ħafna mowbajls għandhom l-internet, tista' żżomm ruħek aġġornat jew tfittex xi informazzjoni bla dewmien. Dan kollu mingħajr ma nsemmu li wieħed, fi ftit sekondi, jista' jibgħat u jirċievi messaġġ. Iżda l-mowbajl jaf ikun ta' xkiel u saħansitra ta' periklu. Jaf ikun ta' tfixkil fil-komunikazzjoni soċjali ma' dawk li huma preżenti quddiemek. Jaf ukoll ikun ta' distrazzjoni u periklu jekk tużah f'sitwazzjonijiet mhux xierqa, bħal meta tkun qed issuq.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

1. **Din is-silta titkellem dwar**

   (a) **xi vantaġġi tal-mowbajl**
   (b) **xi żvantaġġi tal-mowbajl**
   (ċ) **<u>xi vantaġġi u żvantaġġi tal-mowbajl</u>**

2. **Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-mowbajl jibbażaw ruħhom**

   (a) **<u>fuq l-użu tiegħu mill-persuna</u>**
   (b) **fuq x'tip ta' mowbajl għandek**
   (ċ) **fuq ma' min il-persuna tkun abbonata għas-servizz**

3. **Fis-silta smajt li l-mowbajl jaf ikun ta' xkiel. X'fhimt b'dan?**

   (a) **<u>Li jaf ikun ta' tfixkil</u>**
   (b) **Li jaf ikun ta' għajnuna**
   (ċ) **Li jaf ikun ta' vantaġġ**

4. **Is-silta tindika xi vantaġġi fl-użu tal-mowbajl. Minn dak li smajt liema minn dawn <u>mhux</u> tajba?**

   (a) **Li ċċempel f'każ ta' emerġenza lill-familja, lill-pulizija u li ssejjaħ ambulanza**
   (b) **Li żżomm ruħek aġġornat/a, tfittex xi informazzjoni u tibgħat u tirċievi messaġġ bla dewmien**
   (ċ) **Li t<u>iżviluppa l-ħiliet komunikattivi ma' dawk li jkunu preżenti quddiemek</u>**

5. **Is-silta tindika xi żvantaġġi fl-użu tal-mowbajl. Minn dak li smajt liema minn dawn <u>mhux</u> tajba?**

   (a) **Mezz ta' tfixkil fil-komunikazzjoni soċjali ma' dawk preżenti quddiemek**
   (b) **Mezz ta' distrazzjoni u periklu jekk tużah f'sitwazzjonijiet mhux xierqa**
   (ċ) **<u>Mezz ta' għajnuna f'każ ta' emerġenza</u>**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-ambjent tad-dar ***jew*** Ix-xiri.

**L-ambjent tad-dar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ambjent tad-dar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Id-dar li fiha tgħix hija għal qalbek? Għaliex?**
2. **Togħġbok l-idea li tkun tgħix f'ambjent ta' dar antika? Għaliex? Jekk le, mela x'tip ta' ambjent ta' dar jogħġbok? Ambjent ta' dar moderna?**
3. **Agħtini deskrizzjoni ħafifa tal-ambjent tad-dar li int tgħix fiha jew li tippreferi li tgħix fiha.**
4. **Taħseb li l-ambjent tad-dar jista' jaffettwa lin-nies li jkunu jgħixu f'dik id-dar? Għaliex?**
5. **Illum il-ġurnata, x'qed jixtru l-aktar il-Maltin, djar kbar jew appartamenti? Xi jwasslek taħseb hekk?**

JEW

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ix-xiri*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhuma dawk l-affarijiet li tħobb tixtri l-aktar? Għaliex?**
2. **Taħseb li f'pajjiżna għandna biżżejjed postijiet fejn int tkun tista' tixtri dawk l-affarijiet li tħobb? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, x'tipproponi li għandu jsir?**
3. **Int qabel ma tixtri xi ħaġa tqis xi affarijiet, taħseb x'se tixtri, tqabbel il-prezzijiet? Jekk iva, xi jwasslek tagħmel dan? Jekk le, għaliex?**
4. **Bosta huma tal-fehma li x-xiri huwa wkoll mezz ta' rilassament. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
5. **Bosta Maltin u barranin jistennew il-ġranet ta' wara l-Milied bil-ħerqa biex jixtru xi affarijiet bl-irħis. Taħseb li llum il-ġurnata għadha teżisti differenza kbira bejn prezzijiet ta' affarijiet bla *sale* u prezzijiet ta' affarijiet bis-*sale*? Għaliex taħseb hekk?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-Malti Safi ***jew*** Ġużè Muscat Azzopardi.

**Il-Malti Safi**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-Malti Safi*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Li tqajjem kliem qadim u li ma jkunx għadu jintuża, isarraf ta' ġid jew ta' ħsara għal-lingwa Maltija, meta nafu li lingwa la użata hija ħajja u għalhekk tibqa' taġġorna ruħha sakemm tibqa' tintuża? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar dan?**
2. **Tajjeb li nużaw kliem safi u ħadd ma jifhimna?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġużè Muscat Azzopardi**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ġużè Muscat Azzopardi.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1853-1927)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(ir-rumanzi)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **Kif taħseb li Ġużè Muscat Azzopardi għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5b** |
| DATA: | 15 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

### Ir-Regatta

Forma ta' sport partikulari huwa dak tar-Regatta. Dan l-isport jikkonsisti minn tiġrijiet tad-dgħajjes l-aktar fiż-żona tal-Port il-Kbir. Jingħad li dan l-isport beda fis-seklu 17 u kien jiġi pprattikat l-aktar fl-inħawi tat-tlett ibliet, jiġifieri l-Isla, il-Birgu u Bormla. Il-qofol tiegħu kien u għadu sal-ġurnata tal-lum, li jkun parti minn xi festa nazzjonali, speċjalment il-festa tal-Vitorja. Kull min jieħu sehem f'dawn it-tiġrijiet jinħakem minn sens sportiv qawwi, u minn xi ftit pika u xi mħatri li jagħtu ħajja lil dan l-isport.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ambjent tad-dar** *jew* **Ix-xiri**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-Malti Safi** *jew* **Ġużè Muscat Azzopardi**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5ċ** |
| DATA: | 15 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:
- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**<u>L-Għana Malti</u>**

L-għana Malti beda fis-seklu 15, u maż-żmien kompla jiżviluppa bħala stil u b'żieda ta' strumenti li akkompanjaw lill-għannejja. Konna u għadna nsibuh fil-festi. Kien isir ukoll meta kien ikun hemm xi argument bejn tnejn, u kienu joħorġu dak li kellhom fl-istonku permezz ta' taqbiliet bl-għana. Insibu diversi ġeneri ta' għana bħal tal-Fatt, Spirtu Pront u La Bormliża. Il-versi fl-għana jirriflettu temi differenti tal-ħajja soċjokulturali Maltija. Xi vers ta' mħabba qatt ma naqas. Illum l-għana Malti jissieħeb mal-għana ta' pajjiżi oħra barranin f'festival tal-għana.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira <u>darba biss</u>. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**L-Aġenzija Appoġġ toffri servizzi fi ħdan il-komunità Maltija. Huma servizzi aċċessibbli għal kulħadd u personalizzati. Dan iwassal sabiex bosta jfittxu l-għajnuna meta jħossu li għandhom bżonn, filwaqt li dawk il-ħaddiema professjonali u mhux, fi ħdan l-Aġenzija, ikunu f'pożizzjoni li jifhmu aktar u aħjar il-problemi tal-familji u l-individwi fi ħdan il-komunità. L-Aġenzija Appoġġ bdiet toffri s-servizzi tagħha fil-komunitajiet tal-Qawra, Birkirkara, il-Marsa u l-Belt Valletta. Fost l-għanijiet tal-aġenzija, li huma kollha importanti, insibu dak li tipprova ttejjeb il-kwalità ta' ħajja u tippromwovi l-kura fil-komunità, b'mod speċjali tat-tfal u l-familji vulnerabbli, u tipprovdi ħidma soċjali lill-komunità u tgħinha tiżviluppa bl-għajnuna wkoll ta' entitajiet oħra.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta tiffoka l-aktar fuq l-Aġenzija Appoġġ u s-servizzi li toffri**

**(a) fil-komunità**
**(b) mat-tfal**
**(ċ) mal-foqra**

**2. Fis-silta smajt li s-servizzi tal-Aġenzija Appoġġ huma aċċessibbli u personalizzati. Dan ifisser li huma servizzi**

**(a) li mingħajr diffikultajiet kulħadd jista' jagħmel użu minnhom u ppjanati skont il-bżonnijiet tal-persuna**
**(b) li b'ċerti diffikultajiet kulħadd jista' jagħmel użu minnhom u ppjanati skont il-bżonnijiet tal-persuna**
**(ċ) li b'moderazzjoni kulħadd jista' jagħmel użu minnhom u ppjanati skont il-bżonnijiet tal-komunità**

**3. L-Aġenzija Appoġġ bdiet toffri s-servizzi tagħha fil-komunitajiet**

**(a) ta' Buġibba, Birkirkara, il-Marsa u l-Ħamrun**
**(b) tal-Qawra, Birkirkara, il-Mosta u l-Belt Valletta**
**(ċ) tal-Qawra, Birkirkara, il-Marsa u l-Belt Valletta**

**4. Issemmew xi għanijiet tal-Aġenzija Appoġġ. Liema minn dawn l-għanijiet ma smajtx**

**(a) ittejjeb il-kwalità ta' ħajja fil-komunità**
**(b) tippromwovi l-kura fil-komunità**
**(ċ) tippromwovi t-tnaqqis tal-ħidma soċjali fil-komunità**

**5. Skont is-silta, l-Aġenzija Appoġġ toffri kura fil-komunità b'mod speċjali lit-tfal u l-familji vulnerabbli. X'fhimt b'familji vulnerabbli?**

**(a) Dawk li faċilment huma mweġġgħa fiżikament, mentalment u emozzjonalment**
**(b) Dawk li ma jaqgħux fil-vizzji**
**(ċ) Dawk li jieħdu l-edukazzjoni bis-serjetà**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-edukazzjoni ***jew*** Il-kura tas-saħħa.

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-edukazzjoni*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'tifhem b'edukazzjoni? Taħseb li l-edukazzjoni għandha tkun biss relatata mal-akkwist ta' bosta ċertifikati ta' suġġetti akkademiċi? Għaliex taħseb hekk?**
2. **X'taħseb li huma dawk l-aspetti ewlenin li jiffurmaw bniedem edukat?**
3. **X'sehem għandhom il-ġenituri jew adulti oħra li jieħdu ħsieb tfal żgħar fl-iżvilupp sħiħ tal-edukazzjoni tat-tifel/tifla?**
4. **Taqbel li l-edukazzjoni tgħin fl-iżvilupp sħiħ tal-karattru ta' persuna? Għaliex taħseb hekk?**
5. **Kieku jkollok sehem fit-tfassil tal-edukazzjoni f'pajjiżna, xi tneħħi, xi tħalli u xi żżid?**

JEW

**Il-kura tas-saħħa**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-kura tas-saħħa.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li bħala poplu aħna l-Maltin nieħdu kura ta' saħħitna? Jekk iva, kif taħseb li nagħmlu dan? Jekk le, għaliex taħseb hekk?**
2. **Kif taħseb li nistgħu nieħdu ħsieb saħħitna?**
3. **Taħseb li llum il-ġurnata fil-Gżejjer Maltin teżisti informazzjoni u edukazzjoni biżżejjed dwar kif persuna tieħu kura ta' saħħitha? Xi jwasslek taħseb hekk?**
4. **Int kif tieħu kura tas-saħħa tiegħek? Tagħmel hekk għax jgħidulek jew għax tħoss il-bżonn li tagħmel hekk?**
5. **Taħseb li bħala poplu aħna l-Maltin nagħrfu l-ħtieġa u l-bżonn tal-eżerċizzju fiżiku ta' kuljum? Jekk iva, xi jwasslek taħseb hekk? Jekk le, x'jista' jsir biex tidħol aktar il-kultura tal-eżerċizzju fiżiku fil-ħajja tagħna?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* It-tagħlim tal-lingwi barranin ***jew*** Ġan Anton Vassallo.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *It-tagħlim tal-lingwi barranin*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Għaliex taħseb li pajjiżna jappoġġja t-tagħlim ta' lingwi barranin? Taħseb li fil-proċess tat-tagħlim tal-lingwi barranin persuna ssir ukoll midħla tal-kultura tal-pajjiż ta' dik il-lingwa barranija li tkun qed titgħallem? Taħseb li dan jista' jwassal biex pajjiżi b'kulturi differenti jifhmu aktar lil xulxin?**
2. **It-tagħlim ta' lingwi barranin minn fuq il-kotba biss taħseb li hu biżżejjed? Bosta jsostnu li meta titgħallem lingwa trid tipprattikaha wkoll. Taqbel ma' dan? Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġan Anton Vassallo**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ġan Anton Vassallo.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 19 jew 1817-1868)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(Il-poeżiji, il-kitba ta'* Il-Ġifen Tork*)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **Kif taħseb li Ġan Anton Vassallo għen biex l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5ċ** |
| DATA: | 15 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Kandidati

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

### L-Għana Malti

L-għana Malti beda fis-seklu 15, u maż-żmien kompla jiżviluppa bħala stil u b'żieda ta' strumenti li akkompanjaw lill-għannejja. Konna u għadna nsibuh fil-festi. Kien isir ukoll meta kien ikun hemm xi argument bejn tnejn, u kienu joħorġu dak li kellhom fl-istonku permezz ta' taqbiliet bl-għana. Insibu diversi ġeneri ta' għana bħal tal-Fatt, Spirtu Pront u La Bormliża. Il-versi fl-għana jirriflettu temi differenti tal-ħajja soċjokulturali Maltija. Xi vers ta' mħabba qatt ma naqas. Illum l-għana Malti jissieħeb mal-għana ta' pajjiżi oħra barranin f'festival tal-għana.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-edukazzjoni *jew* Il-kura tas-saħħa**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**It-tagħlim tal-lingwi barranin *jew* Ġan Anton Vassallo**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2016**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6a** |
| DATA: | 18 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:
- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**It-Teatru Rjal**

Is-sena 1866 rat it-twaqqif tal-binja impressjonanti tat-Teatru Rjal fil-Belt Valletta. L-Ingliżi kienu kburin b'dan il-monument grandjuż li kellu jilqa' fih xogħlijiet operistiċi mill-aqwa. Sfortunatament, għal żmien twil din il-binja kienet toħloq distakk soċjali, jew aħjar, realtà ta' klassijiet soċjali differenti. Kienu jsiru rappreżentazzjonijiet operistiċi mill-isbaħ, u li fihom kienu jagħtu sehemhom bosta Maltin u barranin. B'xorti ħażina, id-destin ta' dan it-teatru ma tantx kien sabiħ. Fil-fatt kellu jgħaddi minn żewġ traġedji, u l-aħħar waħda wasslitu għat-tiġrif tiegħu fit-Tieni Gwerra Dinjija.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**F'ħajjitna nitgħallmu ħafna affarijiet. Madankollu, ftit li xejn naħsbu biex nitgħallmu kif insalvaw ħajja ta' persuna wkoll jekk ma nkunux tobba. L-għarfien tal-ewwel għajnuna huwa importanti għal kulħadd, għax taf issalva bniedem minn diżabbiltà temporanja jew permanenti, jew saħansitra minn ħalq il-mewt. L-ewwel għajnuna tikkonsisti minn kura ta' emerġenza amministrata lil dik il-persuna feruta jew marida qabel ma tasal l-għajnuna medika professjonali u tieħu kontroll tas-sitwazzjoni. F'Malta u Għawdex jiġu offruti bosta korsijiet aġġornati fl-ewwel għajnuna, kemm mis-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar u kemm minn St John's Ambulance Brigade. Dan l-għarfien teoretiku u prattiku għandek dejjem iżżommu aġġornat, u mhux biss biex ikollok ċertifikat ieħor.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta titkellem dwar**

**(a) fiex jikkonsistu l-korsijiet fl-ewwel għajnuna**
**(b) <u>kemm hija importanti li nkunu nafu l-ewwel għajnuna u għaliex</u>**
**(ċ) is-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar u St John's Ambulance Brigade**

**2. Bl-għarfien tal-ewwel għajnuna ssalva bniedem minn diżabbiltà temporanja jew permanenti. X'fhimt b'diżabbiltà temporanja?**

**(a) Diżabbiltà li tibqa' għal ħajtek kollha**
**(b) <u>Diżabbiltà li tibqa' għal ftit taż-żmien u wara terġa' lura għan-normal</u>**
**(ċ) Diżabbiltà li tmur hekk kif tiġi l-għajnuna medika professjonali**

**3. Skont is-silta, l-ewwel għajnuna tittratta minn kura ta' emerġenza lil min ikun**

**(a) ferut biss**
**(b) marid biss**
**(ċ) <u>ferut jew marid</u>**

**4. L-ewwel għajnuna hija importanti għax tkun tista' tagħti għajnuna**

**(a) medika professjonali**
**(b) <u>sakemm jieħdu kontroll il-professjonisti mediċi</u>**
**(ċ) lil dak li jkun sakemm twasslu l-isptar**

**5. Meta tispiċċa kors fl-ewwel għajnuna trid tibqa' taġġorna ruħek. Dan ifisser li**

**(a) ma tridx tibqa' midħla mal-informazzjoni ġdida li toħroġ dwar l-ewwel għajnuna**
**(b) ma tridx tibqa' tipprattika dak li tkun tgħallimt l-ewwel darba**
**(ċ) <u>trid tibqa' midħla mal-informazzjoni u l-prattika ġdida li toħroġ dwar l-ewwel għajnuna</u>**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-ivvjaġġar ***jew*** Il-ġrajjiet kurrenti.

**L-ivvjaġġar**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ivvjaġġar*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Int tħobb tivvjaġġa? Jekk iva, tħobb tivvjaġġa f'pajjiżi fl-Ewropa jew f'dawk li mhumiex Ewropej? Jekk ma tħobbx tivvjaġġa, għaliex?**
2. **Ġieli kellek l-opportunità li tivvjaġġa barra mill-Gżejjer Maltin? Jekk iva, fejn mort u kif kienet l-esperjenza?**
3. **Kieku kellek tivvjaġġa din is-sena, biex tippreferi tivvjaġġa: bl-ajruplan jew bil-vapur? Għaliex?**
4. **Kieku jkollok tivvjaġġa kull sena, liema huwa dak l-istaġun li matulu tippreferi tivvjaġġa? Għaliex?**
5. **Taħseb li llum il-ġurnata l-Maltin u l-Għawdxin qed inaqqsu milli jivvjaġġaw? Jew xorta baqgħu jivvjaġġaw qisu mhu qiegħed iseħħ xejn?**

JEW

**Il-ġrajjiet kurrenti**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-ġrajjiet kurrenti.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li huwa importanti li persuna tkun midħla u konxja tal-ġrajjiet kurrenti li qegħdin iseħħu kemm f'pajjiżha u kemm fix-xena dinjija? Għaliex?**
2. **Il-mezzi ta' komunikazzjoni jgħinu ħafna biex l-individwu jkun mgħarraf bil-ġrajjiet kurrenti. Madankollu hemm min jisħaq li mhux kollha jagħtu l-informazzjoni ċara u korretta ta' dak li jkun qiegħed jiġri. Int taqbel ma' dan? Għaliex?**
3. **Int liema mezz ta' komunikazzjoni l-aktar li tinqeda bih biex taġġorna ruħek dwar il-ġrajjiet kurrenti? Għaliex?**
4. **Taf tgħidli dwar xi ġrajjiet kurrenti dinjija li meta sirt taf dwarhom ħassejtek ferħan/a jew b'qalbek sewda għal dak li ġara? Għaliex ħassejtek kif ħassejtek?**
5. **Taf tgħidli dwar xi ġrajjiet kurrenti lokali li meta sirt taf dwarhom ħassejtek ferħan/a jew b'qalbek sewda għal dak li ġara? Għaliex ħassejtek kif ħassejtek?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-bilingwiżmu ***jew*** Mikiel Anton Vassalli.

**Il-bilingwiżmu**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-bilingwiżmu*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Għarfien tajjeb tal-Malti u l-Ingliż kif jista' jgħinna?**
2. **Skont il-fehma tiegħek, jekk pajjiż uffiċjalment ikun bilingwi, kull min jgħix f'dak il-pajjiż ikun bilingwi? Jiġifieri kull persuna f'dak il-pajjiż tkun taf tikteb, taqra, titkellem u tifhem biż-żewġ ilsna ndaqs?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Mikiel Anton Vassalli**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Mikiel Anton Vassalli.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 18 u 19 jew 1764-1829)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(dizzjunarju, grammatika)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **Kif taħseb li Mikiel Anton Vassalli għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2016**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6a** |
| DATA: | 18 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

■ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**It-Teatru Rjal**

Is-sena 1866 rat it-twaqqif tal-binja impressjonanti tat-Teatru Rjal fil-Belt Valletta. L-Ingliżi kienu kburin b'dan il-monument grandjuż li kellu jilqa' fih xogħlijiet operistiċi mill-aqwa. Sfortunatament, għal żmien twil din il-binja kienet toħloq distakk soċjali, jew aħjar, realtà ta' klassijiet soċjali differenti. Kienu jsiru rappreżentazzjonijiet operistiċi mill-isbaħ, u li fihom kienu jagħtu sehemhom bosta Maltin u barranin. B'xorti ħażina, id-destin ta' dan it-teatru ma tantx kien sabiħ. Fil-fatt kellu jgħaddi minn żewġ traġedji, u l-aħħar waħda wasslitu għat-tiġrif tiegħu fit-Tieni Gwerra Dinjija.

---

■ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**L-ivvjaġġar *jew* Il-ġrajjiet kurrenti**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

■ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-bilingwiżmu *jew* Mikiel Anton Vassalli**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

■ ■ ■

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6b** |
| DATA: | 18 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**Ħxejjex aromatiċi**

Meta nimxu fil-kampanja Maltija, kemm bħala eżerċizzju fiżiku u mentali, u kemm biex nammiraw il-ġmiel li toffri, rari ħafna nagħtu kas tal-ħxejjex aromatiċi. Meta nżiduhom mal-ikel jagħtu togħma ferm tajba, jekk nużawhom bil-qies u kif suppost. Insibu t-tursin, il-ħabaq, l-origanu, il-klin, in-nagħniegħ, il-merqtux, is-salvja u x-xibt, li jistgħu jitkabbru fil-qsari tad-djar. Insibu wkoll is-sagħtar, li bħala xitla tikber madwar 50 ċentimetru u nsibuha l-aktar f'għoljiet niexfa. Bħala pjanta nsibuha l-aktar bejn ir-rebbiegħa u s-sajf u hija protetta mil-liġi Maltija.

| ***ŻERO*** | ***MARKA*** | ***2 MARKI*** |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**L-eżerċizzju fiżiku huwa importanti fil-ħajja tal-bniedem għax jgħinu jżomm lilu nnifsu b'saħħtu. Għandu jkollu post fil-ġurnata tagħna ta' kuljum, ukoll jekk inkunu qed ngħixu ħajja mgħaġġla. Mhux biżżejjed li nkunu qegħdin nagħmlu dieta tajba. Mad-dieta rridu ninkludu l-eżerċizzju fiżiku. Filwaqt li l-eżerċizzju fiżiku jikkontrollalek il-piż, ikun qiegħed jgħin sabiex jiġġieled kontra kundizzjonijiet ta' mard, bħal pereżempju l-kolesterol u z-zokkor għoli fid-demm. Huwa fatt ukoll li l-eżerċizzju fiżiku jaffettwa lill-bniedem psikoloġikament. Dan għaliex jgħin sabiex ikollok burdati tajbin u tħossok tajjeb, filwaqt li jbiegħdek minn xi dipressjoni jew jgħinek tikkontrollaha. Hemm bżonn li l-eżerċizzju fiżiku jsir aktar parti integrali mill-kultura Maltija.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. L-għan ewlieni tal-eżerċizzju fiżiku hu biex nieħdu ħsieb**

**(a) il-figura tagħna**
**(b) <u>is-saħħa tagħna</u>**
**(ċ) il-moħħ tagħna**

**2. Għandna nagħmlu xi tip ta' eżerċizzju fiżiku**

**(a) darba fil-ġimgħa**
**(b) darba fix-xahar**
**(ċ) <u>kuljum</u>**

**3. L-eżerċizzju fiżiku jevitalek ħafna mard fiżiku minħabba li l-ewwel tnaqqas**

**(a) <u>mill-piż żejjed</u>**
**(b) mix-xaħam fid-demm**
**(ċ) miz-zokkor fid-demm**

**4. Fis-silta smajt żewġ kundizzjonijiet serji li jaffettwaw ħafna lis-saħħa fiżika. Liema huma dawn il-kundizzjonijiet?**

**(a) Il-kolesterol u l-pressjoni**
**(b) <u>Il-kolesterol u z-zokkor</u>**
**(ċ) Il-kolesterol u d-dipressjoni**

**5. Fis-silta smajt li l-eżerċizzju fiżiku jgħin lis-saħħa mentali tal-bniedem. Dan minħabba titjib**

**(a) <u>fil-burdati tagħna biex inħossuna aħjar u jkollna għajnuna għad-dipressjoni</u>**
**(b) fil-livell tad-dijabete u d-dipressjoni**
**(ċ) fil-livell tal-kolesterol u d-dipressjoni**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* Id-divertiment ***jew*** Ix-xiri.

**Id-divertiment**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Id-divertiment*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Taħseb li persuna fil-ħajja mgħaġġla tal-lum għandha ċans tiddeverti? Għaliex taħseb hekk?**
2. **Id-divertiment b'mod responsabbli huwa bżonn fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?**
3. **Id-divertiment tiegħek fil-ħajja ta' student/a minn xiex jikkonsisti l-aktar?**
4. **Taħseb li d-divertiment ivarja skont l-età tiegħek? Xi jwasslek biex taħseb hekk?**
5. **Taħseb li pajjiżna joffri postijiet biżżejjed għad-divertiment taż-żgħażagħ? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, allura x'tipproponi li għandu jsir?**

JEW

**Ix-xiri**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ix-xiri*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'inhuma dawk l-affarijiet li tħobb tixtri l-aktar? Għaliex?**
2. **Taħseb li f'pajjiżna għandna biżżejjed postijiet fejn int tkun tista' tixtri dawk l-affarijiet li tħobb? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, x'tipproponi li għandu jsir?**
3. **Int qabel ma tixtri xi ħaġa tqis xi affarijiet, taħseb x'se tixtri, tqabbel il-prezzijiet? Jekk iva, xi jwasslek tagħmel dan? Jekk le, għaliex?**
4. **Bosta huma tal-fehma li x-xiri huwa wkoll mezz ta' rilassament. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
5. **Bosta Maltin u barranin jistennew il-ġranet ta' wara l-Milied bil-ħerqa biex jixtru xi affarijiet bl-irħis. Taħseb li llum il-ġurnata għadha teżisti differenza kbira bejn prezzijiet ta' affarijiet bla *sale* u prezzijiet ta' affarijiet bis-*sale*? Għaliex taħseb hekk?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* Il-Malti Safi ***jew*** Ġan Franġisk Agius de Soldanis.

**Il-Malti Safi**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Il-Malti Safi*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **Irrispettivament jekk il-kelma tkunx barranija, mislufa, qadima jew ġdida, jekk tkun taqbel ma' dak il-leħen u l-aċċent li jridhom l-ilsien Malti nistgħu ngħidu li għandha titqies bħala Malti safi. Taqbel ma' dan? Għaliex?**
2. **Meta wieħed jaf li lsienna huwa prodott uniku u awtonomu, iżda magħmul minn taħlita ta' Għarbi, Taljan/Sqalli u Ingliż, l-idea tal-puristi tista' qatt tagħmel sens? Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Ġan Franġisk Agius de Soldanis*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(seklu 18 jew 1712-1770)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*
**2. Kif taħseb li Ġan Franġisk Agius de Soldanis għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6b** |
| DATA: | 18 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## Għall-użu tal-Kandidati

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

**<u>Ħxejjex aromatiċi</u>**

Meta nimxu fil-kampanja Maltija, kemm bħala eżerċizzju fiżiku u mentali, u kemm biex nammiraw il-ġmiel li toffri, rari ħafna nagħtu kas tal-ħxejjex aromatiċi. Meta nżiduhom mal-ikel jagħtu togħma ferm tajba, jekk nużawhom bil-qies u kif suppost. Insibu t-tursin, il-ħabaq, l-origanu, il-klin, in-nagħniegħ, il-merqtux, is-salvja u x-xibt, li jistgħu jitkabbru fil-qsari tad-djar. Insibu wkoll is-sagħtar, li bħala xitla tikber madwar 50 ċentimetru u nsibuha l-aktar f'għoljiet niexfa. Bħala pjanta nsibuha l-aktar bejn ir-rebbiegħa u s-sajf u hija protetta mil-liġi Maltija.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Id-divertiment *jew* Ix-xiri**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn it-temi:*

**Il-Malti Safi *jew* Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6ċ** |
| DATA: | 18 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

### Għall-użu tal-Eżaminaturi

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni.
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn.
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta, 2 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** *Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.*

**It-Tieni Gwerra Dinjija u Malta**

It-Tieni Gwerra Dinjija ħalliet impatti negattivi fuq il-psikoloġija tal-poplu Malti u fuq il-ħajja soċjoekonomika tiegħu. Dan minħabba l-imwiet, il-biża' kbir fost il-poplu u l-għaks li l-Maltin sabu ruħhom fih. Dan sar allarmanti meta fl-1940 l-Italja ssieħbet ma' Hitler, u l-Gżejjer Maltin bħal dejjem, kienu vittma tal-ħażen ta' ħaddieħor. Ix-xelters kienu jipproteġu lill-poplu Malti mill-attakki kontinwi mill-ajru. Imma min kien se jipproteġihom mill-għaks u l-ġuħ? Kienu propju l-Ingliżi li apparti d-difiża li taw, offrew ikel lill-poplu permezz tal-*Victory Kitchens* u l-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija.

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* |
|---|---|---|
| *M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew.* | *M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub.* | *Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti, 5 marki)

*Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira darba biss. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ħames mistoqsijiet fuqha.** *L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.*

**Li l-1 ta' Ottubru jfakkarna fil-Jum Dinji tal-Anzjani huwa tajjeb. Madankollu, jum l-anzjani għandu jkun dejjem. Dan ifisser li għandna niftakru fl-anzjani tagħna f'kull ġurnata, billi nħarsu lejhom bħala riżorsa soċjali importanti ħafna, għax huma mimlijin esperjenzi li toffri l-ħajja. Huma sors ta' għerf kbir u dan l-għerf għandna dejjem napprezzawh. Ikun żball li nħarsu lejn l-anzjani bħala piż fuq is-soċjetà u nagħtuhom il-ġenb, filwaqt li nħalluhom jgħixu fis-solitudni jew fil-faqar. Huwa d-dritt tal-anzjani li jkomplu jħossuhom parti integrali mis-soċjetà, ukoll billi jekk jixtiequ, nibqgħu nagħtuhom l-opportunità li jibqgħu jaħdmu u jistudjaw. L-anzjani għandhom dejjem jiġu trattati b'dinjità, b'rispett u bi mħabba.**

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

*L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli darbtejn u jagħti madwar 5 sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.*

**1. Din is-silta tittratta dwar**

**(a) il-Jum Dinji tal-Anzjani**
**(b) <u>l-anzjani</u>**
**(ċ) il-mard tal-anzjani**

**2. Il-Jum Dinji tal-Anzjani nfakkruh**

**(a) fl-1 ta' Settembru**
**(b) <u>fl-1 ta' Ottubru</u>**
**(ċ) fl-1 ta' Novembru**

**3. L-anzjani huma riżorsa importanti fis-soċjetà. Dan għaliex**

**(a) jgħinu fl-ekonomija tal-pajjiż**
**(b) <u>jgħinu permezz tal-għerf li kisbu mill-esperjenzi f'ħajjithom</u>**
**(ċ) jgħinu għax jirrakkontaw il-passat**

**4. Skont dak li smajt, liema minn dawn <u>ma jkunx</u> żball fil-konfront tal-anzjani?**

**(a) Nikkonsidraw lill-anzjani bħala piż soċjali**
**(b) <u>Nikkonsidraw lill-anzjani bħala minjiera ta' għerf</u>**
**(ċ) Ma nikkunsidrawhomx u nħalluhom f'solitudni u fil-faqar**

**5. Skont is-silta, huwa d-dritt tal-anzjani li jkomplu jħossuhom parti integrali mis-soċjetà. X'fhimt b'dan?**

**(a) <u>Dritt li jħossu li għandhom sehem sħiħ u ta' ħtieġa fis-soċjetà</u>**
**(b) Dritt li jieħdu li jridu**
**(ċ) Dritt li jmorru fejn iridu**

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** *Il-kandidat jagħżel* L-edukazzjoni ***jew*** L-ambjent naturali.

**L-edukazzjoni**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-edukazzjoni*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'tifhem b'edukazzjoni? Taħseb li l-edukazzjoni għandha tkun biss relatata mal-akkwist ta' bosta ċertifikati ta' suġġetti akkademiċi? Għaliex taħseb hekk?**
2. **X'taħseb li huma dawk l-aspetti ewlenin li jagħmel bniedem edukat?**
3. **X'sehem għandhom il-ġenituri jew adulti oħra li jieħdu ħsieb tfal żgħar għal żvilupp sħiħ fl-edukazzjoni tat-tifel/tifla?**
4. **Taqbel li l-edukazzjoni tgħin fl-iżvilupp sħiħ tal-karattru ta' persuna? Għaliex taħseb hekk?**
5. **Kieku jkollok sehem fit-tfassil tal-edukazzjoni f'pajjiżna, xi tneħħi, xi tħalli u xi żżid?**

JEW

**L-ambjent naturali**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *L-ambjent naturali.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'jiġik f'moħħok hekk kif tisma' "ambjent naturali"?**
2. **L-ambjent naturali Malti fix-xitwa jkun ferm differenti mill-ambjent naturali Malti fis-sajf. X'inhuma dawn id-differenzi?**
3. **Liema l-aktar li tippreferi, l-ambjent naturali fis-sajf Malti jew fix-xitwa Maltija? Għaliex?**
4. **Taħseb li l-bniedem kapaċi jħalli effett/i fuq l-ambjent naturali? Jekk iva, x'effett/i? Jekk le, għaliex taħseb hekk?**
5. **L-ambjent naturali huwa ta' kulħadd, u għalhekk irridu nipproteġuh biex igawduh ta' warajna. X'nistgħu nagħmlu biex nipproteġuh? Taħseb li l-Maltin u l-Għawdxin għandhom edukazzjoni biżżejjed biex iħarsu l-ambjent naturali lokali?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

*L-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*L-eżaminatur jgħid:* **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** *Il-kandidat jagħżel* It-tagħlim tal-lingwi barranin ***jew*** Dun Karm Psaila.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
*Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *It-tagħlim tal-lingwi barranin*.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

1. **X'tifhem meta ngħidu li permezz tat-tagħlim tal-lingwi barranin (i) ningħaqdu mal-kumplament tad-dinja, (ii) naġġornaw ruħna intellettwalment u kulturalment u (iii) nivvjaġġaw b'mod ħieles?**
2. **Jingħad li t-tagħlim tal-lingwi barranin jirriżulta fi żvilupp tal-ħiliet komunikattivi tal-lingwi, speċjalment jekk dan it-tagħlim jibda minn età żgħira fil-livell edukattiv primarju. Taqbel ma' dan? Għaliex?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk.* |

JEW

**Dun Karm Psaila**
*Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu:* **Se nitkellmu fuq *Dun Karm Psaila.***
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

**1. X'taf tgħidli fuqu?**
*L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet a u b. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.*

a. **F'liema żmien għex?** *(sekli 19 u 20 jew 1871-1961)*
b. **Għal xiex inhu magħruf l-aktar?** *(Il-kitba tal-Innu Malti, poeżiji, dizzjunarju)*

*L-eżaminatur itemm din it-taqsima b'din il-mistoqsija:*

2. **Kif taħseb li Dun Karm Psaila għen biex l-ilsien Malti jew il-letteratura Maltija jkomplu jikbru?**

| *ŻERO* | *MARKA* | *2 MARKI* | *3 MARKI* | *4 MARKI* |
|---|---|---|---|---|
| *Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat.* | *Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna.* | *Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk.* | *Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb.* | *Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk.* |

*Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid:* **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2016**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6ċ** |
| DATA: | 18 ta' April 2016 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**Għall-użu tal-Kandidati**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-MATSEC Support Unit.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## ▪ **Silta għall-qari** (minuta, 2 marki)

*Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.*

### It-Tieni Gwerra Dinjija u Malta

It-Tieni Gwerra Dinjija ħalliet impatti negattivi fuq il-psikoloġija tal-poplu Malti u fuq il-ħajja soċjoekonomika tiegħu. Dan minħabba l-imwiet, il-biża' kbir fost il-poplu u l-għaks li l-Maltin sabu ruħhom fih. Dan sar allarmanti meta fl-1940 l-Italja ssieħbet ma' Hitler, u l-Gżejjer Maltin bħal dejjem, kienu vittma tal-ħażen ta' ħaddieħor. Ix-xelters kienu jipproteġu lill-poplu Malti mill-attakki kontinwi mill-ajru. Imma min kien se jipproteġihom mill-għaks u l-ġuħ? Kienu propju l-Ingliżi li apparti d-difiża li taw, offrew ikel lill-poplu permezz tal-*Victory Kitchens* u l-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija.

---

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**L-edukazzjoni** ***jew*** **L-ambjent naturali**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

## ▪ **Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti, 4 marki)

*Agħżel* ***waħda*** *minn dawn it-temi:*

**It-tagħlim tal-lingwi barranin** ***jew*** **Dun Karm Psaila**

*Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.*

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 7 ta' Mejju 2016 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

## L-EWWEL TAQSIMA (25 marka)

### Il-Komponiment

*Ikteb* ***madwar 350 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

1. Fruntieri u passaporti. Kif tkun id-dinja mingħajrhom?
2. Il-pjazza tal-belt jew raħal fejn noqgħod.
3. Ikteb rakkont li jibda jew jispiċċa: *Ir-ritratt li ħadna dakinhar għadni ngħożżu sal-lum.*
4. Il-ħbiberija.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA** **(22 marka)**

**A. Fehim it-Test**

*Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.*

Ngħixu fi gżejjer żgħar, b'densità ta' popolazzjoni kbira ħafna, b'eluf ta' karozzi u sorsi oħrajn ta' tniġġis tal-arja. Skont studju tal-Unjoni Ewropea, erbgħa u ħamsin fil-mija tal-Maltin huma inkwetati bil-kwalità tal-arja li jdaħħlu fil-pulmuni tagħhom. Il-karozzi u l-impjanti li jiġġeneraw l-enerġija huma s-sorsi ewlenin li jikkawżaw it-tniġġis tal-arja fil-gżejjer tagħna, iżda jeżistu sorsi oħrajn li jħallu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-arja f'ċerti nħawi tal-gżejjer. Dawn is-sorsi jinkludu l-barrieri, il-fran, l-industrija, l-avjazzjoni, tankijiet għall-ħażna tal-*fuel* u pompi tal-petrol kif ukoll il-logħob tan-nar.

Għalkemm l-irjieħ li jaħkmu l-Gżejjer Maltin itaffu ftit mill-problema, fl-inħawi tal-port u n-Nofsinhar ta' Malta t-tniġġis tal-arja tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk. It-trab iswed u fin faċli tarah għaliex jaqa' fuq il-bjut u jħammeġ il-faċċati tad-djar u t-toroq. Dan it-trab iniġġes ukoll l-ilma li mill-bjut u t-toroq jinħażen fil-bjar u l-ġibjuni li jintużaw għat-tisqija. Il-kimiċi tossiċi li jkun fih jistgħu jaffettwaw il-ġilda jekk jintmess, u meta jkun fin ħafna jaffettwa l-pulmun. Kimiċi bħall-kupru (*sulphur dioxide*) qegħdin imermru l-ġebla Maltija li biha hu mibni ħafna bini ta' valur storiku u arkitettoniku, u jdgħajfu l-pulmuni ta' tfal u anzjani li joqogħdu fi nħawi fejn il-livelli ta' dan il-gass aċiduż huma għoljin ħafna.

U xi kwalità ta' arja qed ngħixu fiha ġewwa l-bini tagħna? Il-kwalità tal-arja ġewwa d-dar, l-uffiċċju, u anke l-klassi tista' tkun inqas tajba milli suppost, u dan għad-dannu ta' saħħitna. Il-livell ta' *benzene* spiss ikun għoli ġewwa l-bini, speċjalment jekk il-post ma jkunx ivventilat tajjeb u jekk isir it-tipjip fil-post. Din il-kimika tossika tista' tkun għolja fil-kmamar tagħna waqt u wara li jsir xi tibjid fuq il-post u għalhekk importanti li ma joqogħdux nies fih matul dan il-perjodu. Matul dawn l-aħħar snin, saru diversi studji sabiex tkun monitorjata l-arja fl-iskejjel tagħna u jidher li f'dawn il-binjiet ftit li xejn hemm problemi. Fl-istess waqt importanti li dan it-tip ta' monitoraġġ fl-iskejjel tagħna jibqa' jsir b'mod regolari, minħabba li hemm ħjiel li waħda mir-raġunijiet taż-żieda fl-ażżma fit-tfal tagħna tista' tkun il-kwalità tal-arja ta' ġewwa. Ta' min jgħid li l-kwalità tal-arja ta' ġewwa tista' tkun riskjuża għal saħħitna minħabba l-użu ta' ħafna twapet u purtieri, kif ukoll *airconditioners* li ma jkunux jaħdmu kif suppost, u b'hekk l-arja ta' ġewwa ma tinbidilx biżżejjed. Naturalment sakemm ma nkunux esposti għat-tniġġis minn barra, l-aħjar mezz ta' kif niżguraw irwieħna li l-arja ta' ġewwa hi ta' kwalità tajba huwa li nifthu t-twieqi u jkollna ventilazzjoni tajba.

F'dawn l-aħħar snin neħħejna l-petrol bla ċomb imma żdiedu l-karozzi, għalaqna *powerstation* li kienet qed tħammeġ ħafna imma żidna l-konsum tal-elettriku u għadna ma narawx bħala prijorità li ninstallaw fi djarna sistemi li jiġġeneraw l-enerġija mix-xemx. Jeħtieġ għalhekk li fejn tidħol l-arja li nieħdu n-nifs minnha nibdew naqbdu l-barri minn qrunu u mhux inraqqgħu l-pannu bil-qara' aħmar!

*Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:*

1. Liema huma s-sorsi ewlenin ta' tniġġis f'pajjiżna?

2. Ċerti nħawi ta' Malta huma milquta mit-tniġġis tal-arja aktar minn oħrajn. Kif taf?

3. Semmi żewġ effetti negattivi li jħalli t-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem.

4. Fil-fehma tiegħek, taħseb li għandu jsir monitoraġġ regolari tal-arja f'binjiet pubbliċi bħall-iskejjel? Għaliex?

5. Skont dak li qrajt, agħti raġuni għaliex xi ħadd li jgħix f'dar jew imur fi skola li tinsab fi triq traffikuża ma' jista' qatt ikollu arja tajba.

6. X'taħseb li hija l-opinjoni tal-kittieb dwar l-importanza li jagħtu l-Maltin lill-arja li tidħol fil-pulmuni tagħhom? Għaliex?

(2 marki kull waħda = 12-il marka)

## B. Għarfien il-Lingwa

1. *Agħti **kliem ieħor** għall-kliem li għandu linja taħtu skont it-tifsira tiegħu fis-silta:*

   **a.** ...... jeżistu sorsi oħrajn li jħallu <u>impatt</u> negattiv fuq il-kwalità tal-arja f'ċerti nħawi tal-gżejjer. *(mill-1el paragrafu)*

   **b.** Din il-kimika <u>tossika</u> tista' tkun għolja fil-kmamar tagħna waqt u wara li jsir xi tibjid fuq il-post u għalhekk importanti li ma joqogħdux nies fih matul dan il-perjodu. *(mit-3et paragrafu)*

   **ċ.** Matul dawn l-aħħar snin, saru diversi studji sabiex tkun <u>monitorjata</u> l-arja fl-iskejjel tagħna u jidher li f'dawn il-binjiet ftit li xejn hemm problemi. *(mit-3et paragrafu)*

   **d.** Fl-istess waqt importanti li dan it-tip ta' monitoraġġ fl-iskejjel tagħna jibqa' jsir b'mod regolari, minħabba li hemm <u>ħjiel</u> li waħda mir-raġunijiet taż-żieda fl-ażżma fit-tfal tagħna tista' tkun il-kwalità tal-arja ta' ġewwa. *(mit-3et paragrafu)*

(marka kull waħda = 4 marki)

2. *Fisser l-espressjonijiet b'sing taħthom skont il-kuntest:*

   Jeħtieġ għalhekk li fejn tidħol l-arja li nieħdu n-nifs minnha nibdew (a) <u>naqbdu l-barri minn qrunu</u> u mhux (b) <u>inraqqgħu l-pannu bil-qara' aħmar!</u> *(mir-4 paragrafu)*

(2 marki kull waħda = 4 marki)

3. *Liema hi l-espressjoni minn paragrafu 2 li turi l-gravità tat-tniġġis tal-arja fl-inħawi tal-port u n-Nofsinhar ta' Malta?*

(2 marki)

**IT-TIELET TAQSIMA** **(14-il marka)**

**Il-Grammatika**

*Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:*

L-aċċess għall-ilma sar sfida globali kbira li dejjem qiegħda tiżdied. Biżżejjed ngħidu li kwart tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix f'ekosistemi li huma mhedda minn skarsezza ta' ilma. Dan minkejja li l-ilma huwa meħtieġ għal kull attività li jagħmel il-bniedem u huwa l-mutur ewlieni għall-iżvilupp soċjoekonomiku. Għal dan il-għan xi għaqdiet mhux governattivi ħolqu programmi sabiex jipprovdu tagħrif u jqajmu kuxjenza dwar il-ħażna u l-użu xieraq tal-ilma ħelu anke f'pajjiżna.

**1.** Agħti l-għerq tal-verb ħolqu.
**2.** Mis-silta sib u ikteb verb tat-tmien forma.
**3.** Mis-silta sib u ikteb partiċipju passiv.
**4.** Oħroġ iz-zokk morfemiku ta' skarsezza.
**5.** Agħti nom minn meħtieġ.
**6.** Oħroġ verb minn żvilupp.
**7.** Agħti l-plural ta' soċjoekonomiku.
**8.** Oħroġ verb tat-tieni forma minn tagħrif.
**9**. Mis-silta sib nom bil-pronom mehmuż.
**10.** Agħti l-plural ta' ilma.
**11**. Ta' liema forma huwa l-verb jqajmu?
**12.** Oħroġ aġġettiv minn kuxjenza.
**13.** Agħti nom mimmat bl-istess għerq ta' ħażna.
**14.** Agħti s-superlattiv ta' ħelu.

(marka kull waħda = 14-il marka)

**IR-RABA' TAQSIMA** **(12-il marka)**

**Ir-Rapport**

*Ikteb **madwar 80 kelma** fuq **wieħed** mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. **Jekk ser tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.***

**a.** Inti membru ta' għaqda li taħdem għall-ġid tal-komunità fejn tgħix. Wieħed mill-proġetti li kellkom din is-sena kien li timmodernizzaw il-librerija li tintuża mill-komunità tagħkom. Ikteb rapport dwar dan il-proġett sabiex jinqara fil-laqgħa ġenerali annwali tal-għaqda. Tinsiex issemmi l-fatti u d-dettalji.

***Jew***

**b.** Wieħed mill-ħbieb tiegħek kellu inċident u kellu juża *wheelchair* għal xi żmien. Qiegħed jiltaqa' ma' diffikultajiet kbar biex ikun jista' jmur f'ċerti postijiet bħal qabel. Ikteb rapport lill-awtoritajiet konċernati dwar l-inkonvenjenzi li qed jiltaqgħu magħhom dawn in-nies. Tinsiex issemmi l-fatti u d-dettalji.

**IL-ĦAMES TAQSIMA** **(12-il marka)**

**L-Ittra**

*Ikteb* ***madwar 80 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti.* ***Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.***

**a**. Dan l-aħħar iċċelebrajt għeluq snin ħabib/a tiegħek f'restorant lussuż Malti iżda ħriġt iddiżappuntat/a. Ikteb ittra lill-Maniġer tar-restorant dwar dan.

Ismek: Paul/ Paula Zammit
L-indirizz tiegħek: 60, Triq il-Musbieħ, Ħal Tartani, TRT 1598.
L-Indirizz tar-restorant: *Ta' Ġannina*, Triq it-Turiżmu, Ħal Tmin, TMN 1655.

***Jew***

**b**. Għadek kif irċevejt pakkett b'mowbajl li ordnajt minn fuq l-internet iżda meta ftaħtu indunajt li ma kienx eżatt il-mowbajl li ordnajt. Ikteb *email* lis-sid tal-ħanut biex tinfurmah dwar dan. Tinsiex tuża l-format tal-ittra elettronika (skont il-kaxxa hawn taħt).

Ismek: Paul / Paula Zammit
L-indirizz elettroniku tiegħek: pal@stud.mt
L-indirizz elettroniku tal-bejjiegħ: scott@info.net

| |
|---|
| Lil:<br>Mingħand:<br>Data:<br>Suġġett:<br><br>........................................................................................................................<br><br>........................................................................................................................<br><br>........................................................................................................................ |

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II A |
| DATA: | 7 ta' Mejju 2016 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija** **(20 marka)**

*Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).*

**A.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Katrin tal-Imdina,*** Dwardu Cachia

Tar il-hena; f'daqqa waħda
Il-ferħ tbiddel dlonk fi mrar,
Ma tismax ħlief nisa tnewwaħ
Sew fit-toroq kemm fid-djar.

Dika tbus lir-raġel tagħha,
L-oħra tgħannaq lill-għarus,
Ħabel wieħed, qatta waħda,
Min igħannaq, min ibus!

Kulħadd ħejja ruħu sewwa
Għat-taqbida mal-kefrin,
Illi ħarbtu kulma sabu
F'kemm irħula bdew deħlin.

Tliet mitt ruħ mal-Ħakem telqu,
Nofs bir-riġel, nofs bir-rkib,
Kulħadd ħalef li fl-Imdina
Rjus l-għedewwa għandu jġib.

Ħin bla waqt bħal sħaba sewda
Lemħu 'l isfel bgħid minn ħdejhom,
Ġrew għal fuqha daqs għefieret,
U l-kefrin ġew taħt idejhom!

Wieġeb:

1. a) X'tissejjaħ l-għamla tal-poeżija *Katrin tal-Imdina*? **marka**

   b) Semmi erba' karatteristiċi ewlenin ta' din l-għamla kif jidhru f'*Katrin tal-Imdina.* **4 marki**

2. a) Liema sentiment qed iqanqal il-poeta fit-tieni strofa ta' din is-silta ta' poeżija? **marka**

   b) Islet tliet kelmiet jew espressjonijiet li juru dan is-sentiment. **3 marki**

3. a) B'liema kelma l-poeta jiddeskrivi lill-għedewwa? **marka**

   b) Ikkwota l-parti mill-poeżija li permezz tagħha l-poeta jagħti prova ta' dan. **2 marki**

4. Minn din is-silta ta’ poeżija sib eżempju ta’ similitudni, iktbu, u fisser l-effett li l-poeta joħloq permezz tiegħu. **3 marki**

5. a) Ikteb dwar il-vers li qed iħaddem il-poeta. Semmi tliet karatteristiċi. **3 marki**

   b) Kif torbot din l-għamla ta’ vers mat-tema tal-poeżija? **2 marki**

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Quo Vadis?* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Quo Vadis?*** Rużar Briffa

Weħidha
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta’ ħutha
fil-qalb ħadranija
tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares madwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

Wieġeb:

1. Ikteb żewġ raġunijiet għala l-poeta semma din il-poeżija *Quo Vadis?*. **4 marki**

2. X’effetti joħloq il-poeta meta jibda l-poeżija b’vers b’kelma waħda: “Weħidha”? **3 marki**

3. a) Il-ħarruba lil min tirrappreżenta? **marka**

   b) Ikteb x’inhi l-figura tad-diskors f’dan il-każ, u fissirha. **3 marki**

4. a) Fid-dawl tat-tweġibiet ta’ numri 3 (a) u (b), xi tfisser “għolja ġeblija”? **2 marki**

   b) X’jiġifieri l-oħrajn kibru “fil-qalb ħadranija/tal-wied”? **2 marki**

5. a) Ikteb dwar il-vers li qed iħaddem il-poeta. **2 marki**

   b) X’rabta hemm bejn din l-għamla ta’ vers u t-tema tal-poeżija? **3 marki**

## IT-TIENI TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża** **(20 marka)**

*Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).*

**A.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Firda minn Kelb,*** Ġużè Ellul Mercer

Kif ħriġna mid-dar għaddejt għand il-mastrudaxxa ħabib tiegħi; u meta dan ra f'liema sura kien il-kelb, qalli li aħjar infittex "inneħħih". Mort għand skarpan jafni, u bħali, dejjem bil-klieb. Għedtlu li jekk il-kelb jibqa' sejjer lura jkolli nisparalu. L-iskarpan ħares lejn il-kelb, kemmex xofftejh u qalli li biex nisparalu, irrid qabel nara fejn se nħaffer ħofra biex wara nidfnu fiha. U għaldaqstant, aħjar niffranka x-xogħol u nieħdu mill-ewwel l-għassa. Hemm jaħsbu fih il-pulizija. U jaqbilli nfittex nieħdu, żied jgħidli l-iskarpan.

Ħarist lejn il-kelb u sibtu jirtogħod bid-deni, u rajt ħafna lgħab nieżel ma' geddumu; u deherli li kien tgħarraq aktar milli kien xħin ħriġna mid-dar. Għajnejh kienu għadhom sħaħ, sbieħ u mimlijin dehen; iżda kienu jleqqu aktar minn meta kien f'sikktu u kellhom fihom bħal ħarsa ta' biża'. Donnu l-kelb kien qed jifhem li konna qed ingħidu li kien jeħtieġlu jmut.

Xħin l-iskarpan għalaq il-ħanut, ħriġna jien, hu u l-kelb u rħejnielha lejn l-għassa. Iltqajna ma' tnejn oħra nafuhom u ġew magħna. Wieħed minnhom qalli li ta' xejn sejrin għaliex wara l-erbgħa l-għassa ma jżommux klieb. L-ieħor qalli li l-għassa hemm is-surġent Franz. Dak mhux mill-agħar u għandu mnejn iżommu. Is-surġent Franz ħabib tiegħi. Meta kien tfal, kien joħroġ miegħi għall-kaċċa.

Wieġeb:

1. a) Din is-silta ta' proża hija ta' xeħta narrattiva jew argumentattiva? **marka**

   b) Għid għaliex. **3 marki**

2. a) X'figura tat-taħdit iħaddem in-narratur meta jgħid li l-kelb irid "ineħħih"? **marka**

   b) Għaliex juża din il-figura, u x'effett joħloq biha? **3 marki**

3. Semmi żewġ raġunijiet għaliex in-narratur mar għand il-mastrudaxxa u għand l-iskarpan. **4 marki**

4. Fisser żewġ emozzjonijiet li qed iħoss in-narratur lejn il-kelb tiegħu. **4 marki**

5. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, ikteb xi nsiru nafu dwar il-karattru tan-narratur. **4 marki**

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Bank,*** Frans Sammut

L-għada meta ġie l-iskola, it-tfal kont ġa ħejjejthom biex jagħtuh merħba xierqa. Għalhekk kif daħal u sab ruħu milqugħ hekk tajjeb, Krazju ħa gost tgħidx kemm! Intasab bilqiegħda ħdejja u qagħad, b'seba' għajnejn attent għal-lezzjoni, tistħajlu wieħed mit-tfal innifishom. Kien jidher hieni qatigħ. Min jaf x'kien għaddej minn quddiem għajnejh, kemm tifkiriet ħelwin tal-imgħoddi ġrew minn moħħu, jhennuh għal ftit, imbagħad jerġgħu jgħibu u jinsatru fl-istar kiebi tas-snin li gerbu, u jħalluh imxennaq li jerġa' jġarrabhom.

Kif sar ħin il-mistrieħ u t-tfal ħarġu ferħana fil-bitħa ċkejkna, Krazju qam minn qagħdtu u mar idur mar-ringieli tal-bankijiet. Deher jgħarrex fihom u jiflihom xiber b'xiber. Fl-aħħar waqaf ħdejn wieħed minnhom, qiegħed il-pala t'idu fuqu, messu bil-ħlewwa u ltewa jonfoħ fuq roqgħa li lemaħ. Ersaqt lejh nara x'qed jagħmel. Nefaħ ftit ieħor, farfar it-trab li tqanqal mix-xquq ta' snug minquxa fl-għuda, u b'ħarsa sielma fuq wiċċu wrieni t-tinqix li kixef. Kienu żewġ ismijiet: Krazju u Nina u bejniethom xbieha ċkejkna ta' qalb.

Għal waqtejn Krazju deher mitluf fil-ħsieb. Imbagħad dar lejja u staqsieni setax ikun li mal-ġabra li kellu, mal-ixkubetti twal tal-Khyber, mat-tomaħok imżejna bir-rix, max-xbihat ta' Venere u t-Taġ Maħal, iżid il-bank li fuqu wera għall-ewwel darba l-imħabba tiegħu fl-oħla snin ta' żgħożitu.

Weġibtu li seta' jkun tabilħaqq jekk kemm-il darba flok il-bank kien iġibilna ieħor, anzi, żidt ngħarrfu bil-ferħa li jekk iġibilna oħrajn flok il-bankijiet li kellna kien iħalli lill-furnar, lis-surmast u lit-tfal tar-raħal ferħanin għall-aħħar.

Ftit taż-żmien wara, fl-iskola kellna ċerimonja ċkejkna: it-tberik tal-bankijiet il-ġodda, li għaliha attenda r-raħal kollu bi ħġaru, u fost il-miġemgħa, ferħan se jtir, Krazju Ebejer donnu l-anġlu tal-providenza, deher imleffef bl-isbaħ ilbies, b'qatgħa Taljana, li ġab miegħu minn Boston, Massachusetts.

Wieġeb:

1. Fil-qosor, ikteb x'taħseb li kien għaddej minn moħħ Krazju Ebejer meta sab ismu u isem Nina minquxin fuq il-bank. **4 marki**

2. Kif nafu li Krazju kien iħobb lil Nina b'qawwa kbira? Mis-silta, islet żewġ raġunijiet li juruna dan. **4 marki**

3. Ikteb u fisser żewġ kwotazzjonijiet mis-silta li juru kif Krazju reġa' beda jħossu qisu għadu tifel. **4 marki**

4. Fis-silta nsibu dawn is-sentenzi: (i) "t-tfal ħarġu <u>ferħana</u> fil-bitħa"; (ii) il-bankijiet ġodda kienu jagħmlu "lit-tfal tar-raħal <u>ferħanin</u>"; u (iii) Krazju kien "<u>ferħan</u> se jtir". Agħżel tnejn minn dawn is-sentenzi u ikteb x'effett joħloq in-narratur bil-kelma "ferħan". **4 marki**

5. a) Ikteb x'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza "jinsatru fl-istar kiebi tas-snin". **marka**

   b) X'effett joħloq in-narratur b'din il-figura tat-taħdit? **3 marki**

## IT-TIELET TAQSIMA

**Il-Komponimenti Letterarji:** ***Bejn Ħaltejn*** **(barra** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*****)**
**(15-il marka l-wieħed = 30 marka)**

*Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta'* **madwar 200 kelma** *fuq kull mistoqsija. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.*

1. Kultant il-bniedem ma jkunx aċċettat mis-soċjetà. Ikteb dwar dan l-argument kif insibuh fin-novelli *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri u *Ċensina* ta' Lino Spiteri.

2. Ikteb dwar ir-relazzjoni li teżisti bejn il-ġenituri u l-ulied kif tidher fil-poeżija *Ġeraldine* ta' Trevor Zahra u fin-novella *Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltli* ta' Clare Azzopardi.

3. Żwieġ jista' jkun suċċess, imma jista' jfalli. Iddiskuti dan l-argument skont dak li naqraw fil-poeżiji *Niftakar* ta' Anton Buttigieg u *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado.

## IR-RABA' TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju:** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*** **ta' Francis Ebejer** **(30 marka)**

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta'* **madwar 400 kelma**. *M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.*

1. Skont dak li naqraw fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, għaliex nistgħu nsejħu lil Rużann bħala dik li wasslet għall-bidla soċjali?

**Jew**

2. Fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer insibu min hu fqir u min hu sinjur, min għandu karattru dgħajjef u min għandu karattru b'saħħtu bħala suġġetti li Ebejer jittratta. Billi tirreferi għal episodji differenti, iddiskuti dawn is-suġġetti.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 7 ta' Mejju 2016 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA**

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija** **(20 marka)**

*Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).*

**A.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Katrin tal-Imdina,*** Dwardu Cachia

Tar il-hena; f'daqqa waħda
Il-ferħ tbiddel dlonk fi mrar,
Ma tismax ħlief nisa tnewwaħ
Sew fit-toroq kemm fid-djar.

Dika tbus lir-raġel tagħha,
L-oħra tgħannaq lill-għarus,
Ħabel wieħed, qatta waħda,
Min igħannaq, min ibus!

Kulħadd ħejja ruħu sewwa
Għat-taqbida mal-kefrin,
Illi ħarbtu kulma sabu
F'kemm irħula bdew deħlin.

Tliet mitt ruħ mal-Ħakem telqu,
Nofs bir-riġel, nofs bir-rkib,
Kulħadd ħalef li fl-Imdina
Rjus l-għedewwa għandu jġib.

Ħin bla waqt bħal sħaba sewda
Lemħu 'l isfel bgħid minn ħdejhom,
Ġrew għal fuqha daqs għefieret,
U l-kefrin ġew taħt idejhom!

Wieġeb:

1. a) Fisser fil-qosor u fi kliemek il-kuntrast li joħloq il-poeta fl-ewwel strofa ta' din is-silta. **3 marki**

   b) Islet vers biex issaħħaħ dan il-fatt. **marka**

2. Meta l-poeta jgħid: "Kulħadd ħalef li fl-Imdina/ Rjus l-għedewwa għandu jġib" juri erba' karatteristiċi fis-suldati Maltin. Semmihom. **4 marki**

3. a) X'figura tat-taħdit insibu fis-sentenza: "Ġrew għal fuqha daqs għefieret"? **marka**

   b) X'effett joħloq il-poeta b'din il-figura tad-diskors? **3 marki**

4. a) Semmi żewġ karatteristiċi li juru kif il-poeta qed iħaddem il-vers f'din is-silta mill-poeżija. **2 marki**

   b) X'rabta hemm bejn l-għamla ta' vers u t-tema tal-poeżija? **2 marki**

5. a) Fit-tieni strofa, xi tfisser "Ħabel wieħed"?
   i. Jaħdmu flimkien.
   ii. Jiġbdu l-ħbula.
   iii. Idawru ħabel.
   iv. Joqogħdu b'seba' għajnejn. **marka**

   b) Mid-dehra tan-nisa jbusu lil żwieġhom u oħrajn jgħannqu lill-għarajjes tagħhom, x'impressjoni tieħu? Spjegaha. **3 marki**

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Quo Vadis?* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Quo Vadis?*** Rużar Briffa

Weħidha
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta' ħutha
fil-qalb ħadranija
tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares madwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

Wieġeb:

1. Fil-kuntest tal-poeżija, xi jrid ifisser il-poeta bil-versi: "magħtuba/ mit-toqol tas-snin"? **4 marki**

2. Xi jrid ifisser il-poeta meta jgħid li l-ħarruba kibret fuq "għolja ġeblija"? **4 marki**

3. a) Fil-frażi "fil-qalb ħadranija/ tal-wied" x'figura tad-diskors qed iħaddem il-poeta? **marka**

   b) Fisser l-effett li joħloq il-poeta b'din il-figura tad-diskors. **3 marki**

4. a) Ikteb dwar il-vers li qed iħaddem il-poeta f'din is-silta. **marka**

   b) X'rabta hemm bejn din l-għamla ta' vers u t-tema tal-poeżija? **3 marki**

5. a) Meta l-poeta jibda l-poeżija bil-kelma "Weħidha" jrid ifisser li:
   i. Qiegħed fuq gżira waħdu.
   ii. Qed iħossu differenti mill-oħrajn.
   iii. Qed iħossu liberu.
   iv. Iħobb joqgħod waħdu. **marka**

   b) Orbot din it-tifsira mat-tema tal-poeżija. **3 marki**

## IT-TIENI TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża** **(20 marka)**

*Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).*

**A.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Firda minn Kelb,*** Ġużè Ellul Mercer

Kif ħriġna mid-dar għaddejt għand il-mastrudaxxa ħabib tiegħi; u meta dan ra f'liema sura kien il-kelb, qalli li aħjar infittex "inneħħih". Mort għand skarpan jafni, u bħali, dejjem bil-klieb. Għedtlu li jekk il-kelb jibqa' sejjer lura jkolli nisparalu. L-iskarpan ħares lejn il-kelb, kemmex xofftejh u qalli li biex nisparalu, irrid qabel nara fejn se nħaffer ħofra biex wara nidfnu fiha. U għaldaqstant, aħjar niffranka x-xogħol u nieħdu mill-ewwel l-għassa. Hemm jaħsbu fih il-pulizija. U jaqbilli nfittex nieħdu, żied jgħidli l-iskarpan.

Ħarist lejn il-kelb u sibtu jirtogħod bid-deni, u rajt ħafna lgħab nieżel ma' geddumu; u deherli li kien tgħarraq aktar milli kien xħin ħriġna mid-dar. Għajnejh kienu għadhom sħaħ, sbieħ u mimlijin dehen; iżda kienu jleqqu aktar minn meta kien f'sikktu u kellhom fihom bħal ħarsa ta' biża'. Donnu l-kelb kien qed jifhem li konna qed ingħidu li kien jeħtieġlu jmut.

Xħin l-iskarpan għalaq il-ħanut, ħriġna jien, hu u l-kelb u rħejnielha lejn l-għassa. Iltqajna ma' tnejn oħra nafuhom u ġew magħna. Wieħed minnhom qalli li ta' xejn sejrin għaliex wara l-erbgħa l-għassa ma jżommux klieb. L-ieħor qalli li l-għassa hemm is-surġent Franz. Dak mhux mill-agħar u għandu mnejn iżommu. Is-surġent Franz ħabib tiegħi. Meta kien tfal, kien joħroġ miegħi għall-kaċċa.

Wieġeb:

1. a) Għaliex in-narratur irid jinfired mill-kelb? **2 marki**

   b) Islet sentenza mill-ewwel paragrafu li biha nifhmu li hemm element ta' għaġla. **3 marki**

2. Mit-tieni paragrafu islet tliet espressjonijiet li juru li s-saħħa tal-kelb kienet sejra lura. **3 marki**

3. X'importanza għandha l-għassa tal-pulizija f'din iċ-ċirkostanza? **4 marki**

4. Minn dak li naqraw f'din is-silta, ikteb erba' karatteristiċi li nsiru nafu dwar il-karattru tan-narratur. **4 marki**

5. a) Il-figura tat-taħdit li qed iħaddem in-narratur meta jgħid li ried "ineħħih" hija: **marka**
   - i. Similitudni
   - ii. Iperbole
   - iii. Ewfemiżmu
   - iv. Paradoss

   b) Għaliex jużaha? **3 marki**

**Jew**

**B.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Bank,*** Frans Sammut

L-għada meta ġie l-iskola, it-tfal kont ġa ħejjejthom biex jagħtuh merħba xierqa. Għalhekk kif daħal u sab ruħu milqugħ hekk tajjeb, Krazju ħa gost tgħidx kemm! Intasab bilqiegħda ħdejja u qagħad, b'seba' għajnejn attent għal-lezzjoni, tistħajlu wieħed mit-tfal innifishom. Kien jidher hieni qatigħ. Min jaf x'kien għaddej minn quddiem għajnejh, kemm tifkiriet ħelwin tal-imgħoddi ġrew minn moħħu, jhennuh għal ftit, imbagħad jerġgħu jgħibu u jinsatru fl-istar kiebi tas-snin li gerbu, u jħalluh imxennaq li jerġa' jġarrabhom.

Kif sar ħin il-mistrieħ u t-tfal ħarġu ferħana fil-bitħa ċkejkna, Krazju qam minn qagħdtu u mar idur mar-ringieli tal-bankijiet. Deher jgħarrex fihom u jiflihom xiber b'xiber. Fl-aħħar waqaf ħdejn wieħed minnhom, qiegħed il-pala t'idu fuqu, messu bil-ħlewwa u ltewa jonfoħ fuq roqgħa li lemaħ. Ersaqt lejh nara x'qed jagħmel. Nefaħ ftit ieħor, farfar it-trab li tqanqal mix-xquq ta' snug minquxa fl-għuda, u b'ħarsa sielma fuq wiċċu wrieni t-tinqix li kixef. Kienu żewġ ismijiet: Krazju u Nina u bejniethom xbieha ċkejkna ta' qalb.

Għal waqtejn Krazju deher mitluf fil-ħsieb. Imbagħad dar lejja u staqsieni setax ikun li mal-ġabra li kellu, mal-ixkubetti twal tal-Khyber, mat-tomaħok imżejna bir-rix, max-xbihat ta' Venere u t-Taġ Maħal, iżid il-bank li fuqu wera għall-ewwel darba l-imħabba tiegħu fl-oħla snin ta' żgħożitu.

Weġibtu li seta' jkun tabilħaqq jekk kemm-il darba flok il-bank kien iġibilna ieħor, anzi, żidt ngħarrfu bil-ferħa li jekk iġibilna oħrajn flok il-bankijiet li kellna kien iħalli lill-furnar, lis-surmast u lit-tfal tar-raħal ferħanin għall-aħħar.

Ftit taż-żmien wara, fl-iskola kellna ċerimonja ċkejkna: it-tberik tal-bankijiet il-ġodda, li għaliha attenda r-raħal kollu bi ħġaru, u fost il-miġemgħa, ferħan se jtir, Krazju Ebejer donnu l-anġlu tal-providenza, deher imleffef bl-isbaħ ilbies, b'qatgħa Taljana, li ġab miegħu minn Boston, Massachusetts.

Wieġeb:

1. a) Meta Krazju Ebejer mar iżur l-iskola, x'emozzjoni ħass? **marka**

   b) Islet tliet sentenzi u/jew frażijiet mill-ewwel paragrafu li juru din l-emozzjoni. **3 marki**

2. Ikkwota tliet espressjonijiet li juru li Krazju fela l-bank b'reqqa kbira. **3 marki**

3. a) Ikteb x'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-kliem: "donnu l-anġlu tal-providenza." **marka**

   b) Fisser l-effett li l-awtur joħloq b'din il-figura. **4 marki**

4. Minn dak li naqraw f'din is-silta, xi nsiru nafu dwar il-karattru ta' Krazju Ebejer? **4 marki**

5. a) Min hu n-narratur ta' din is-silta ta' proża? **marka**
   - i. Krazju Ebejer
   - ii. Nina
   - iii. Wieħed mit-tfal tal-iskola
   - iv. L-għalliem

   b) X'effett iħalli dan in-narratur fuq is-silta? **3 marki**

**IT-TIELET TAQSIMA**

**Il-Komponiment Letterarju:** ***Bejn Ħaltejn*** **(barra** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*****)** **(30 marka)**

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta'* **madwar 200 kelma**. *M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.*

1. Fisser kif fin-novelli *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri u *Ċensina* ta' Lino Spiteri, l-individwu jsibha diffiċli biex jintegra ruħu fis-soċjetà li jgħix fiha.

**Jew**

2. Ikteb dwar id-differenzi li tinnota fejn tidħol ir-relazzjoni bejn raġel u mara fil-poeżiji *Niftakar* ta' Anton Buttigieg u *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado.

**IR-RABA' TAQSIMA**

**Il-Komponiment Letterarju:** ***Il-Ħarsa ta' Rużann*** **ta' Francis Ebejer** **(30 marka)**

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta'* **madwar 200 kelma**. *M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.*

1. Ikteb għal liema raġunijiet Rużann żammet għajnejha fuq id-dixxendenti tagħha.

**Jew**

2. Iddiskuti d-differenzi bejn is-sinjur u l-fqir kif narawhom fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann*.